KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fl-14 ta' Jannar 2021 [1]

Kawża C-718/18

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Swieq interni tal-elettriku u tal-gass naturali – Direttivi 2009/72 u 2009/73 – Kunċett ta' 'impriża integrata vertikalment' – Separazzjoni effettiva bejn operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u attivitajiet ta' ġenerazzjoni, produzzjoni u provvista – Indipendenza tal-persunal u tal-ġestjoni tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni – Kompetenzi esklużivi u indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali regolatorji – Prinċipju ta' demokrazija"

1. X'inhi l-portata tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" fis-setturi tal-elettriku u tal-gass u, b'mod iktar partikolari, jidħlu fil-kamp ta' tali kunċett l-attivitajiet imwettqa anki barra mill-Unjoni Ewropea? X'inhi l-portata tal-kompetenzi esklużivi mogħtija mid-dritt tal-Unjoni lill-Awtoritajiet Nazzjonali Regolatorji (iktar 'il quddiem l-"ANR") fis-setturi tal-elettriku u tal-gass u x'marġni ta' diskrezzjoni leġiżlattiv għandhom l-Istati Membri f'dan ir-rigward?

2. Huma dawn, essenzjalment, il-kwistjonijiet l-iktar importanti mqajma f'dan ir-rikors li permezz tiegħu l-Kummissjoni Ewropea qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda [tħassar] d-Direttiva 2003/54/KE [2] u tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE [3] (iktar 'il quddiem imsejħin, flimkien, ukoll id-"Direttivi").

[1] Lingwa oriġinali: it-Taljan.

[2] ĠU 2009, L 211, p. 55. Id-Direttiva 2009/72 tħassret b'effett mill-1 ta' Jannar 2021 bid-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (riformulazzjoni) (ĠU 2019, L 158, p. 125).

[3] ĠU 2009, L 211, p. 94.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2009/72

3. Skont il-punt 21 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72 "[g]ħall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw d-definizzjonijiet li ġejjin: 'impriża integrata vertikalment' tfisser: impriża tal-elettriku jew grupp ta' impriżi tal-elettriku fejn l-istess persuna jew l-istess persuni huma intitolati, direttament jew indirettament, li jeżerċitaw kontroll, u fejn l-impriża jew il-grupp ta' impriżi jwettqu għall-anqas waħda mill-funzjonijiet ta' trasmissjoni jew distribuzzjoni, u mill-anqas waħda mill-funzjonijiet tal-ġenerazzjoni jew il-provvista tal-elettriku".

4. L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2009/72, intitolat "Indipendenza tal-persunal u ġestjoni tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni", fil-paragrafi 3, 5 u 8 tiegħu jiddikjara s-segwenti:

"3. L-ebda pożizzjoni jew responsabbiltà professjonali, relazzjoni ta' interess jew ta' negozju, direttament jew indirettament, mal-impriża integrata vertikalment jew ma' kwalunkwe parti minnha jew mal-azzjonisti li jikkontrollawha għajr l-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni, m'għandha tiġi eżerċitata għal perjodu ta' tliet snin qabel il-ħatra tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew tal-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni li huma soġġetti għal dan il-paragrafu. […]

5. Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi, u l-impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni ma jridx ikollhom xi interess fi jew jirċievu xi benefiċċju finanzjarju, direttament jew indirettament, minn xi parti tal-impriża integrata vertikalment li mhuwiex l-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni. Il-ħlas tagħhom mgħandux jiddipendi mill-attivitajiet jew mir-riżultati tal-impriża integrata vertikalment jekk mhux dawk tal-operatur tas-sistema ta' trasmissjoni. […]

8. Il-paragrafu 3 għandu japplika għall-maġġoranza tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni.

Il-persuni responsabbli mill-ġestjoni u/jew membri tal-korpi amministrattivi ta' operatur ta' sistema ta' trasmissjoni li mhumiex suġġetti għall-paragrafu 3 ma għandhomx ikunu eżerċitaw l-ebda ġestjoni jew attività relevanti oħra fl-impriża integrata vertikalment għal perijodu ta' mill-anqas sitt xhur qabel il-ħatra tagħhom.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u l-paragrafi 4 sa 7 għandhom ikunu applikabbli għall-persuni kollha li jappartjenu għall-ġestjoni eżekuttiva u għal dawk li jirruppurtaw lilhom direttament dwar kwistjonijiet relatati mal-operazzjoni, iż-żamma jew l-iżvilupp tan-network."

5. L-Artikolu 35 tad-Direttiva 2009/72, intitolat "Ħatra u indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji", jistipula:

"1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità regolatorja nazzjonali waħda fil-livell nazzjonali. […]

4. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza tal-awtorità regolatorja u jiżguraw li din teżerċita is-setgħat tagħha b'mod imparzjali u trasparenti. Għal dan il-għan, Stat Membru għandu jiżgura li, meta twettaq il-kompiti regolatorji kkonferiti fuqha permezz ta' din id-Direttiva u leġiżlazzjoni relatata, l-awtorità regolatorja:

a) tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra;

b) għandha tiżgura li l-persunal tagħha u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha:

   i) jaġixxu b'mod indipendenti minn kwalunkwe interess tas-suq; u

   ii) ma jitolbux jew jieħdu istruzzjonijiet diretti mill-ebda gvern jew entità pubblika jew privata oħra fit-twettiq tal-kompiti regolatorji. Dan ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għall-koperazzjoni mill-qrib, fejn ikun il-każ, ma' awtoritajiet nazzjonali oħra relevanti jew għal-linji gwida ġenerali ta' politika maħruġa mill-gvern li ma jkunux relatati mad-dmirijiet u setgħat regolatorji taħt l-Artikolu 37.

5. Sabiex tkun protetta l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jiżguraw li:

a) l-awtorità regolatorji jistgħu jieħdu deċiżjonijiet awtonomi, b'mod indipendenti minn kwalunkwe entità politika […]".

6. L-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/72, intitolat "Dmirijiet u setgħat tal-awtoritajiet regolatorji", jistipula:

"1. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikollhom id-dmirijiet li ġejjin:

a) l-iffissar jew l-approvazzjoni, bi qbil mal-kriterji ta' trasparenza, ta' tariffi ta' trasmissjoni jew ta' distribuzzjoni jew tal-metodoloġiji tagħhom […];

6. L-awtoritajiet regolatorji għandhom ikunu responsabbli għall-iffissar jew l-approvazzjoni fi żmien biżżejjed qabel ma jidħlu fis-seħħ għall-inqas tal-metodoloġiji użati sabiex jiġu kkalkulati jew stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet għal:

a) il-konnessjoni u l-aċċess għan-netwerks nazzjonali, inklużi t-tariffi għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni jew il-metodoloġiji tagħhom. Dawk it-tariffi jew il-metodoloġiji, għandhom jippermettu li l-investimenti meħtieġa fin-netwerks jsiru b'mod li jippermetti lil dawk l-investimenti jiżguraw il-vijabbiltà tan-netwerks;

b) l-provvediment ta' servizzi ta' bilanċjar li għandhom jitwettqu bil-mod l-aktar ekonomiku possibbli u jipprovdu inċentivi xierqa biex l-utenti tan-netwerk jibbilanċjaw l-input u l-offtakes tagħhom. Is-servizzi ta' bilanċjar għandhom jingħataw b'mod ġust u mhux diskriminatorju u jkunu msejsa fuq kriterji oġġettivi; […]".

2. Id-Direttiva 2009/73

7. Il-punt 20 tal-Artikolu 2, l-Artikolu 19(3), (5) u (8) u l-Artikoli 39(1), (4) u (5) u 41(1)(a) u (6)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/73 jikkorrispondu *mutatis mutandis*, b'riferiment għas-settur tal-gass naturali, għad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tad-Direttiva 2009/72.

B. Id-dritt Ġermaniż

8. Skont il-punt 38 tal-Artikolu 3 tal-Energiewirtschaftsgesetz (il-Liġi dwar l-Industrija tal-Enerġija, iktar 'il quddiem l-"EnWG")[4], impriża integrata vertikalment ta' provvista ta' enerġija hija "impriża attiva fl-Unjoni Ewropea fis-settur tal-elettriku jew tal-gass jew grupp ta' impriżi tal-elettriku jew tal-gass, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 139/2004 […] dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [5], bil-kundizzjoni li l-impriża jew il-grupp inkwistjoni jwettaq fl-Unjoni Ewropea: fis-settur tal-elettriku, tal-inqas waħda mill-funzjonijiet ta' trasport jew ta' distribuzzjoni u tal-inqas waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' distribuzzjoni ta' elettriku; jew fis-settur tal-gass naturali, tal-inqas waħda mill-funzjonijiet ta' trasport, ta' distribuzzjoni, ta' ġestjoni ta' impjant ta' GNL jew ta' ħżin, u fl-istess ħin tal-inqas waħda mill-funzjonijiet ta' estrazzjoni jew ta' distribuzzjoni ta' gass naturali".

9. L-Artikolu 10c(2) tal-EnWG jistipula:

"Il-maġġoranza tal-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni ma tistax, għal perijodu ta' tliet snin qabel il-ħatra, tkun ġiet impjegata minn, jew kellha relazzjonijiet kummerċjali ma', impriża tal-impriża integrata vertikalment jew ma' azzjonist tagħhom li jeżerċita kontroll, li jwettaq, fis-settur tal-elettriku, waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni, distribuzzjoni, provvista jew akkwist ta' elettriku u, fis-settur tal-gass naturali, waħda mill-funzjonijiet ta' produzzjoni, distribuzzjoni, provvista, akkwist jew ħżin ta' gass naturali jew li jwettaq funzjonijiet ta' natura kummerċjali, teknika jew relatata mal-manutenzjoni fir-rigward ta' dawn il-funzjonijiet. Il-kumplament tal-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti ma jistax ikun wettaq, għal perijodu ta' mill-inqas sitt xhur qabel il-ħatra, funzjonijiet maniġerjali jew funzjonijiet simili għal dawk imwettqa fil-qasam tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti fi ħdan impriża tal-impriża integrata vertikalment jew azzjonist ta' kontroll tagħhom li jwettaq, fis-settur tal-elettriku, funzjoni waħda ta' ġenerazzjoni, distribuzzjoni, provvista, jew akkwist ta' elettriku u, fis-settur tal-gass naturali, funzjoni waħda ta' ġenerazzjoni, distribuzzjoni, provvista, akkwist jew ħżin tal-gass naturali jew li jwettaq funzjonijiet ta' natura kummerċjali, teknika jew relatata mal-manutenzjoni fir-rigward ta' dawn il-funzjonijiet […]."

10. L-Artikolu 10c(4) tal-EnWG jistipula:

"L-operatur ta' trażmissjoni indipendenti u l-impriża integrata vertikalment ta' provvista ta' enerġija għandhom jiżguraw li l-persuni responsabbli għall-ġestjoni u l-impjegati l-oħra tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti wara t-3 ta' Marzu 2012 ma jakkwistaw ebda sehem fil-kapital tal-impriża integrata vertikalment ta' provvista ta' enerġija jew ta' xi parti minnha, sakemm ma jkunux ishma fl-operatur ta' trażmissjoni indipendenti. Il-persuni responsabbli

[4] Energiewirschaftsgesetz tas-7 ta' Lulju 2005 (BGBl. I, p. 1970 u 3621) kif emendata.

[5] Regolament (KE) Nru 139/2004 tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

għall-ġestjoni għandhom jittrasferixxu sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2016 ishma tal-impriża integrata vertikalment ta' provvista ta' enerġija jew ta' parti minnha […]".

11. Skont l-Artikolu 10c(6) tal-EnWG, il-paragrafu 2 tal-istess artikolu japplika *mutatis mutandis* għall-persuni kollha li jaqgħu direttament taħt il-persuni responsabbli għall-ġestjoni u li jkunu responsabbli għas-setturi ta' ġestjoni, manutenzjoni jew żvilupp tan-network.

12. L-Artikolu 24 tal-EnWG, intitolat "Dispożizzjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-network, mal-ħlasijiet għall-aċċess għan-network u mal-provvista u l-akkwist ta' servizzi ta' bbilanċjar; setgħa regolamentari", jistipula:

"1. Il-Gvern Ġermaniż huwa awtorizzat, permezz ta' regolament, u bil-kunsens tal-Bundesrat, li:

1. jiffissa l-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-network, inkluż l-akkwist u l-provvista ta' servizzi ta' bbilanċjar, kif ukoll il-metodoloġiji użati sabiex jiġu ffissati dawn il-kundizzjonijiet, u l-metodoloġiji sabiex jiġu ffissati tariffi ta' aċċess […];

2. jirregola f'liema każijiet u f'liema kundizzjonijiet l-awtorità [regolatorja] tkun tista' tiffissa tali kundizzjonijiet jew metodoloġiji jew tapprovahom fuq talba tal-operatur tas-sistema;

3. jirregola f'liema każijiet partikolari ta' użu tan-network u skont liema kundizzjoni l-awtorità [regolatorja] tkun tista', f'każijiet individwali speċifiċi, tawtorizza jew tiċħad l-awtorizzazzjoni dwar it-tariffi individwali għall-aċċess għan-network."

II. Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. Fl-20 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni, fil-kuntest ta' eżami *ex officio* tat-traspożizzjoni tad-Direttivi 2009/72 u 2009/73 fid-dritt Ġermaniż intiż li jivverifika l-eżistenza ta' inkompatibbiltà eventwali mad-dritt tal-Unjoni, għamlet diversi mistoqsijiet lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar it-traspożizzjoni ta' dawn id-Direttivi, li għalihom l-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu permezz ta' ittra tat-12 ta' Settembru 2014.

14. Peress li qieset li d-dritt nazzjonali ma kienx konformi mad-Direttivi fuq diversi punti, fis-27 ta' Frar 2015 il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ittra ta' intimazzjoni fil-proċedura ta' ksur Nru 2014/2285, li għaliha l-Istat Membru wieġeb b'ittra tal-24 ta' Ġunju 2015.

15. Fid-29 ta' April 2016, il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja opinjoni motivata, li fiha rrepetiet l-opinjoni espressa fl-ittra ta' intimazzjoni tagħha, li wħud mid-dispożizzjonijiet tad-dritt Ġermaniż ma kinux konformi mad-Direttivi 2009/72 u 2009/73. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja wieġbet permezz ta' ittra tad-29 ta' Awwissu 2016 li fiha indikat li kienu qegħdin jiġu adottati emendi leġiżlattivi dwar uħud mill-ilmenti mqajma fl-opinjoni motivata u fid-19 ta' Settembru 2017 bagħtet it-test tal-leġiżlazzjoni emendata, li daħlet fis-seħħ mit-22 ta' Lulju 2017.

16. Peress li qieset li d-dispożizzjonijiet legali adottati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienu għadhom mhux konformi b'mod komplet maż-żewġ Direttivi, il-Kummissjoni ressqet dan ir-rikors.

III. Analiżi ġuridika

17. Il-Kummissjoni qiegħda tibbaża r-rikors tagħha fuq erba' motivi kollha relatati mat-traspożizzjoni inkorretta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tad-Direttivi 2009/72 u 2009/73 fl-EnWG.

A. Dwar l-ewwel motiv, relatat mat-traspożizzjoni inkorretta tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment"

1. L-argumenti tal-partijiet

18. Il-Kummissjoni ssostni li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" li tinsab fil-punt 38 tal-Artikolu 3 tal-EnWG ma hijiex konformi mal-punt 21 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72 u mal-punt 20 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73 u li, għalhekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi.

19. Il-Kummissjoni tirrileva li fid-definizzjoni li tinsab fl-EnWG, il-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" huwa limitat għal impriżi li jwettqu attivitajiet fl-Unjoni. B'dan il-mod, impriżi li, minkejja li jkunu kkontrollati mill-impriża integrata vertikalment, iwettqu attivitajiet barra mill-Unjoni, jiġu esklużi minn tali definizzjoni. B'hekk, pereżempju, attivitajiet ta' produzzjoni jew ta' provvista mwettqa barra mill-Unjoni ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni. Meta tikklassifika impriża integrata vertikalment l-ANR Ġermaniża ma tikkunsidrax attivitajiet imwettqa barra mill-Unjoni. B'dan il-mod hija ma teżaminax jekk tali attivitajiet jagħtux lok għal kunflitt ta' interessi.

20. Skont il-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża tmur kontra kemm il-kontenut leġiżlattiv tal-punt 21 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72 u tal-punt 20 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73, kif ukoll kontra l-għanijiet tar-regoli dwar is-separazzjoni effettiva tal-attivitajiet prevista mid-Direttivi.

21. Minn perspettiva letterali, ebda waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma fiha restrizzjoni dwar il-kamp ġeografiku li fih l-attivitajiet tal-impriża integrata vertikalment għandhom jitwettqu. Għall-kuntrarju, mill-premessi 24 tad-Direttiva 2009/72 u 21 tad-Direttiva 2009/73 jirriżulta li s-separazzjoni effettiva tal-attivitajiet ta' network mill-attivitajiet ta' provvista u ġenerazzjoni għandha tiġi applikata fl-Unjoni kollha, kemm għall-impriżi tal-Unjoni kif ukoll għal dawk li ma humiex tal-Unjoni.

22. Fir-rigward tal-għanijiet, ir-regoli relatati mas-separazzjoni effettiva għandhom l-għan li jiżguraw li operatur ta' sistema ta' trażmissjoni jikseb l-awtorizzazzjoni biss meta jiġi żgurat li huwa jiġġestixxi n-network b'mod indipendenti u nondiskriminatorju. Huma għandhom l-għan li jeliminaw l-inċentivi għall-impriżi integrati vertikalment li jiddiskriminaw kontra l-kompetituri dwar l-aċċess għan-network, l-aċċess għall-informazzjoni kummerċjali u l-investimenti. Skont il-Kummissjoni, tali kunflitt ta' interessi jista' jseħħ mhux biss meta l-attivitajiet tal-impriża integrata vertikalment jitwettqu fl-Unjoni, iżda wkoll meta tali attivitajiet jitwettqu barra mill-Unjoni.

23. L-inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' impriża integrata vertikalment ta' attivitajiet imwettqa barra mill-Unjoni ma tfissirx li impriżi mhux Ewropej isiru direttament destinatarji ta' drittijiet u obbligi bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni Ewropea u ma testendix l-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni. Fil-fatt, l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni suġġetti għar-regoli dwar is-separazzjoni effettiva joperaw dejjem fi ħdan l-Unjoni. L-inklużjoni ta' attivitajiet imwettqa barra mill-Unjoni fid-definizzjoni ta' impriża integrata vertikalment tippermetti li jiġu evalwati dawn l-attivitajiet fl-Unjoni. L-ebda prinċipju tad-dritt tal-kompetizzjoni jew tad-dritt internazzjonali ma jostakola tali interpretazzjoni.

24. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkontesta l-argumenti tal-Kummissjoni.

25. Fl-ewwel lok, minn perspettiva letterali, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Istati Membri ma humiex obbligati jittrasponu b'mod testwali d-direttivi, sakemm tiġi żgurata t-traspożizzjoni tagħhom b'mod sostantiv. Id-definizzjoni tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" li tinsab fil-punt 38 tal-Artikolu 3 tal-EnWG ma hijiex kunfliġġenti mat-test tal-punt 21 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72 u tal-punt 20 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73. Dawn id-dispożizzjonijiet, fil-fatt, ma jagħtu ebda indikazzjoni dwar il-portata ġeografika u jirrikjedu għalhekk kjarifika dwar dan il-punt fil-mument tat-traspożizzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri. Wara kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement spjegat li jekk dispożizzjoni ta' direttiva jkollha tiġi spjegata sabiex tissodisfa l-prinċipju ta' ċertezza legali, huma l-Istati Membri li għandhom jagħtu tali spjegazzjoni fil-mument tat-traspożizzjoni[6]. Il-premessi 24 u 25 tad-Direttiva 2009/72 u l-premessi 21 u 22 tad-Direttiva 2009/73 jikkorroboraw l-interpretazzjoni tal-Gvern Ġermaniż.

26. Fit-tieni lok, l-argument propost mill-Kummissjoni ma huwiex konformi mal-għan tar-regoli tad-Direttivi dwar is-separazzjoni effettiva. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ma tissodisfax l-oneru tal-prova tagħha dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u ma tagħti ebda eżempju ta' eventwali kunflitti ta' interessi. Skont il-Gvern Ġermaniż, l-għanijiet tad-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni effettiva ma jirrikjedux li l-attivitajiet imwettqa barra mill-Unjoni minn impriżi ta' provvista ta' enerġija jiġu kkunsidrati fid-definizzjoni ta' impriża integrata vertikalment. Fil-fatt, sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi tista' tissussisti biss meta l-partijiet ta' impriża integrata vertikalment li jwettqu attivitajiet fis-setturi kompetituri tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku jew tal-gass joperaw fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' attivitajiet fi ħdan l-Unjoni, ma jkun hemm ebda riskju ta' influwenza negattiva fuq operatur ta' ġestjoni ta' sistema ta' trażmissjoni.

27. Fit-tielet lok, estensjoni tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" għal attivitajiet eżerċitati barra mill-Unjoni minn impriżi ta' pajjiżi terzi tmur kontra kemm il-ġurisprudenza li tistabbilixxi li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat biss meta l-aġir inkwistjoni jkollu effett immedjat u sostanzjali fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll kontra d-dritt internazzjonali. Dawn l-impriżi ta' pajjiżi terzi jsiru, fil-fatt, detenturi ta' drittijiet u ta' obbligi mingħajr ma jkunu qegħdin joperaw fit-territorju tal-Unjoni u minkejja li l-attivitajiet li huma jwettqu barra mill-Unjoni ma jipproduċux effetti fuq it-territorju tagħha.

28. Fir-raba' lok, il-Gvern Ġermaniż isostni li interpretazzjoni tad-Direttivi fid-dawl tal-bażijiet legali u tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali tappoġġja l-pożizzjoni tiegħu. Minn naħa waħda, huwa jenfasizza li d-Direttivi ġew adottati abbażi tal-Artikolu 47(2) u tal-Artikoli 55 u 95 tat-Trattat KE[7], li huma intiżi sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li għandhom bħala għan l-istabbiliment u l-funzjonament

[6] Sentenza tat-30 ta' Jannar 2019, Planta Tabak (C-220/17, EU:C:2019:76, punt 33).

[7] Li saru l-Artikoli 53(2), 62 u 114 TFUE.

tas-suq intern. Konsegwentement, tali dispożizzjonijiet tat-Trattat ma jistgħux jikkostitwixxu l-bażi legali għall-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet applikabbli għall-attivitajiet ekonomiċi tal-impriżi mwettqa f'pajjiż terz. Min-naħa l-oħra, id-Direttivi jimponu fuq l-impriżi integrati vertikalment obbligi li jillimitaw il-moviment liberu tal-kapital, skont l-Artikolu 63 TFUE, kif ukoll il-libertà professjonali tal-impriżi u tal-ħaddiema tagħhom, protetta bl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), u d-dritt għall-proprjetà, protett bl-Artikolu 17(1) tal-Karta. Sakemm l-attivitajiet ta' impriżi ta' pajjiżi terzi mwettqa barra mill-Unjoni ma jipproduċux effetti fuq is-suq intern, tali limitazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali u għal-libertajiet fundamentali ma humiex neċessarji sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat funzjonament effiċjenti u nondiskriminatorju tas-sistemi ta' trażmissjoni fl-Unjoni.

2. Evalwazzjoni

29. L-evalwazzjoni tal-mertu tal-ewwel motiv tar-rikors tal-Kummissjoni tiddependi fuq il-portata tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment", kif iddefinita fil-punt 21 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72 u fil-punt 20 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73. B'mod partikolari, għandu jiġi evalwat jekk hijiex kompatibbli ma' tali definizzjoni regola nazzjonali, bħal dik Ġermaniża inkwistjoni, li teskludi minn tali kunċett – u konsegwentement mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mas-separazzjoni effettiva tan-networks mill-attivitajiet ta' ġenerazzjoni ta' elettriku jew ta' produzzjoni ta' gass u ta' provvista ta' tali prodotti ta' enerġija – l-attivitajiet imwettqa minn impriża jew grupp ta' impriżi barra mill-Unjoni.

30. F'dan ir-rigward, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li la l-punt 21 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72 u lanqas il-punt 20 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73 ma jirreferu għad-dritt tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment".

31. F'dan il-kuntest, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mill-ħtieġa li jiġu żgurati kemm l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma jkun fiha ebda riferiment speċifiku għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu stabbiliti s-sens u l-portata tagħha, għandu normalment jingħata, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi, li għandha tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [8].

32. F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kontenut taż-żewġ dispożizzjonijiet inkwistjoni, nirrileva qabelxejn li dawn, kuntrarjament għall-punt 38 tal-Artikolu 3 tal-EnWG, ma fihom ebda limitazzjoni ġeografika espressa tal-portata tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment", fis-sens li din hija limitata biss għall-attivitajiet imwettqa fit-territorju tal-Unjoni.

33. F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, anki jekk Stat Membru ma huwiex obbligat jipproċedi bit-traspożizzjoni letterali tad-definizzjonijiet previsti minn direttiva u għalhekk it-traspożizzjoni ta' direttiva fid-dritt nazzjonali ma teħtieġx neċessarjament li

[8] Ara, *ex multis*, is-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2020, Crown Van Gelder (C-360/19, EU:C:2020:805, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

d-dispożizzjonijiet tagħha jiġu riprodotti b'mod testwali f'dispożizzjoni legali jew regolamentari, huwa madankollu neċessarju li dan l-Istat Membru jiżgura effettivament l-applikazzjoni sħiħa ta' din id-direttiva b'mod suffiċjentement ċar u preċiż [9].

34. Għalhekk huwa deċiżiv li jiġi stabbilit jekk il-limitazzjoni tal-portata tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" għall-attivitajiet imwettqa fl-Unjoni biss prevista mid-dritt Ġermaniż tikkostitwixxix sempliċi preċiżazzjoni tad-definizzjoni ta' dan il-kunċett li tinsab fid-Direttivi, kif sostnut mill-Gvern Ġermaniż, jew jekk din hijiex restrizzjoni indebita tal-portata ta' din id-definizzjoni, kif sostnut mill-Kummissjoni.

35. F'dan ir-rigward, jekk l-analiżi letterali ma twassalx għal konklużjoni definittiva, inqis li l-analiżi strutturali u teleoloġika tad-dispożizzjonijiet jimmilitaw favur it-tieni għażla u jikkonfermaw li n-nuqqas fit-test tad-Direttivi ta' limitazzjoni espliċita tal-portata tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" għall-attivitajiet imwettqa fl-Unjoni biss jimplika li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-definizzjoni ma huwiex limitat biss għal tali attivitajiet.

36. Fil-fatt, fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kuntest li fih taqa' d-definizzjoni tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment", għandu jiġi rrilevat li din taqa' fil-qafas tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi intiżi sabiex jiżguraw is-separazzjoni effettiva tan-networks mill-attivitajiet ta' ġenerazzjoni ta' elettriku jew produzzjoni ta' gass u ta' provvista ta' dawn iż-żewġ prodotti ta' enerġija [10].

37. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, bil-għan li jiżguraw din is-separazzjoni effettiva, id-Direttivi joffru tliet possibbiltajiet lill-Istati Membri. Huma jistgħu, bħala l-ewwel għażla, jistipulaw is-separazzjoni tal-proprjetà, li tinvolvi l-ħatra tal-proprjetarju tan-network bħala operatur tagħha, kif ukoll l-indipendenza tiegħu minn kwalunkwe interessi f'impriżi ta' provvista u ġenerazzjoni/produzzjoni. Fl-istruttura tad-Direttiva din il-konfigurazzjoni tikkostitwixxi l-mod l-iktar effiċjenti sabiex jiġi eliminat il-kunflitt ta' interessi, li d-Direttivi stess jiddefinixxu bħala "inerenti", bejn il-produtturi u l-fornituri, minn naħa waħda, u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, min-naħa l-oħra [11].

38. Madankollu, id-Direttiva tħalli lill-Istati Membri l-possibbiltà li jippermettu lil impriża tal-elettriku (jew lil grupp ta' impriżi tal-elettriku) li jwettqu attivitajiet ta' ġenerazzjoni, produzzjoni jew provvista li tibqa' proprjetarja tal-elementi patrimonjali tan-network, billi tuża l-għażla li jiġi stabbilit operatur ta' sistemi indipendenti (it-tieni għażla) jew operatur ta' trażmissjoni indipendenti (it-tielet għażla) [12], bil-kundizzjoni madankollu li tiġi żgurata s-separazzjoni effettiva [13].

39. Huwa f'dan il-kuntest li jaqa' l-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" [14], li għandu rwol fundamentali sabiex jiġu stabbiliti entitajiet suġġetti għall-obbligi previsti mid-Direttivi sabiex tiġi żgurata s-separazzjoni effettiva, fejn ma jkunx hemm separazzjoni tal-proprjetà, jiġifieri, fil-każ ta' operaturi ta' sistemi indipendenti, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva 2009/72 u tal-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2009/73 u, fil-każ ta' operaturi ta' trażmissjoni indipendenti, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tad-Direttiva 2009/72 u

9 Ara, f'dan is-sens, *inter alia*, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka (C-314/16, EU:C:2018:42, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 Ara l-premessa 9 tad-Direttiva 2009/72 u l-premessa 6 tad-Direttiva 2009/73.

11 Ara l-premessa 11 tad-Direttiva 2009/72 u l-premessa 8 tad-Direttiva 2009/73.

12 F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, Balgarska energiyna borsa (C-347/16, EU:C:2017:816, punt 33).

13 Ara l-premessa 16 tad-Direttiva 2009/72 u l-premessa 13 tad-Direttiva 2009/73.

14 Ara l-Artikolu 9(8) tad-Direttiva 2009/72 u tad-Direttiva 2009/73.

tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/73. Huwa fil-qafas strutturali ta' dawn id-dispożizzjonijiet u fid-dawl tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-Direttivi permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet li għandu għalhekk jiġi interpretat il-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment".

40. Dejjem minn perspettiva strutturali huwa opportun, barra minn hekk, li jiġi rrilevat li l-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" jirreferi għall-kunċett ta' kontroll, li d-definizzjoni tiegħu, kif jirriżulta mill-premessa 13 tad-Direttiva 2009/2 u mill-premessa 10 tad-Direttiva 2009/73, hija meħuda mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [15]. Madankollu nqis li d-definizzjoni ta' tali kunċett ma hijiex rilevanti għall-finijiet tal-analiżi ta' dan l-ilment [16].

41. Huwa f'dan il-qafas sistematiku hekk iddefinit li, fit-tielet lok, għandu jsir riferiment għall-għanijiet u b'mod partikolari għar-regoli dwar is-separazzjoni effettiva.

42. F'dan ir-rigward, kif jirriżulta minn diversi premessi taż-żewġ Direttivi [17] u kif diġà ġie rrilevat, l-għan ta' dawn ir-regoli huwa li jiġi eliminat il-kunflitt ta' interessi inerenti eżistenti bejn, minn naħa waħda, l-impriżi attivi fil-ġenerazzjoni ta' elettriku jew produzzjoni ta' gass u l-provvista tagħhom u, min-naħa l-oħra, l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, sabiex jiġi żgurat aċċess ekwu għan-network, jiġu promossi b'mod nondiskriminatorju l-investimenti fl-infrastruttura, tinħoloq trasparenza fis-suq u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista, bl-għan aħħari li jinħoloq suq intern tal-elettriku u tal-gass naturali [18].

43. F'dan ir-rigward inqis li, kif esponiet il-Kummissjoni, ma jistax jiġi eskluż li jeżistu sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi bejn operatur tan-network ta' trażmissjoni li jinsab fl-Unjoni u impriżi attivi fil-ġenerazzjoni tal-elettriku jew tal-produzzjoni tal-gass u fil-provvista tagħhom meta dawn l-attivitajiet iseħħu barra mit-territorju tal-Unjoni, b'tali mod li l-inklużjoni ta' dawn l-attivitajiet għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża integrata vertikalment tkun tista' tiġi sistematikament eskluża.

44. Fin-noti tagħha u waqt is-seduta, il-Kummissjoni tat l-eżempju speċifiku ta' sitwazzjoni fejn il-gass jew l-elettriku prodott barra mill-Unjoni minn impriża jiġi ttrasportat f'sistema ta' trażmissjoni fi ħdan l-Unjoni li tappartjeni lill-istess impriża. F'każ bħal dan huwa evidenti r-riskju li jista' jkun hemm aġir diskriminatorju fil-ġestjoni tan-network (bħal, pereżempju, investimenti li ma jsirux jew li jsiru tard), li jiżvantaġġjaw il-partijiet tal-impriża użata għat-trasport ta' prodotti tal-enerġija ta' kompetituri. Barra minn hekk, f'każ bħal dan l-operatur tan-network ikollu aċċess għal data sensittiva dwar il-kompetituri li tista' tintuża għall-vantaġġ

[15] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40.

[16] Fil-fatt, fil-kuntest tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, il-kunċett ta' "kontroll" jirrigwarda, fundamentalment, il-kriterji li jikkonċernaw il-persuna li jkollha l-kontroll, id-determinazzjoni ta' x'inhu s-suġġett tal-kontroll (impriża jew assi patrimonjali), il-mezzi li bihom jiġi eżerċitat il-kontroll, kif ukoll it-tipi ta' kontroll (esklużiv jew konġunt; f'dan ir-rigward ara l-Avviż ġuriżdizzjonali konsolidat tal-Kummissjoni taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU 2008, C 95, p. 1, b'mod partikolari t-Taqsima II). Madankollu, il-Gvern Ġermaniż iċċara li, skont il-punt 38 tal-Artikolu 3 tal-EnWG kif interpretat mill-ANR, il-klassifikazzjoni ta' "impriża integrata vertikalment" ma tiddependix mill-fatt jekk l-impriża integrata vertikalment teżerċitax il-kontroll fuq impriżi irrispettivament minn jekk ikollhomx sede fl-Unjoni jew le, iżda li dan jipprevedi kriterju ġeografiku li jirrikjedi li, minħabba tali klassifikazzjoni, l-attivitajiet fis-settur tal-elettriku u tal-gass jitwettqu fi ħdan l-Unjoni. Minn dan jirriżulta li għall-finijiet tal-analiżi ta' dan l-ilment ma huwiex rilevanti l-eżerċizzju tal-kontroll (u għalhekk il-kunċett ta' kontroll), iżda l-kwistjoni tal-eventwali twettiq ta' attivitajiet, minn impriża tal-elettriku jew tal-gass naturali jew minn grupp ta' impriżi ta' dan it-tip, barra mill-Unjoni li huwa indipendenti minn eventwali twettiq ta' kontroll fuq impriża li jkollha s-sede barra mill-Unjoni.

[17] Ara l-premessi 9, 11, 12, 15, 16, 19 u 24 tad-Direttiva 2009/72 u l-premessi 6, 8, 9, 12, 13, 16 u 21 tad-Direttiva 2009/73.

[18] F'dan ir-rigward, ara s-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata), f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 2009/72, u tad-19 ta' Diċembru 2019, GRDF (C-236/18, EU:C:2019:1120, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata), f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 2009/73. Ara anki l-punt 108 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tiegħu għall-attivitajiet tiegħu ta' produzzjoni/ġenerazzjoni jew provvista. Fid-dawl tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar is-separazzjoni effettiva, ma hemmx dubju li sitwazzjonijiet ta' dan it-tip għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

45. Minn dan isegwi li l-interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment", kif proposta mill-Gvern Ġermaniż, tikkompromietti l-effett utli tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar is-separazzjoni effettiva u li l-esklużjoni, mill-kamp ta' applikazzjoni ta' tali kunċett ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi potenzjali bħal dik imsemmija fil-punt preċedenti, minħabba limitazzjoni tal-portata ta' dan il-kunċett esklużivament għall-attivitajiet eżerċitati fi ħdan l-Unjoni, kif isir bis-saħħa tal-punt 38 tal-Artikolu 3 tal-EnWG, ma hijiex konformi mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-Direttivi.

46. F'dan ir-rigward, nirrileva wkoll, minn naħa waħda, li fir-rigward tad-Direttiva 2009/72 il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità li tiċċara li mill-premessi 16, 17 u 19 tagħha u mill-Artikolu 47(3) tal-istess direttiva, jirriżulta li r-rekwiżiti inerenti għas-separazzjoni effettiva huma intiżi sabiex jiżguraw indipendenza *totali* u *effettiva* tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni meta mqabbla mal-attivitajiet ta' ġenerazzjoni u provvista [19]. L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw għad-Direttiva 2009/73 [20].

47. Min-naħa l-oħra, mill-premessa 24 tad-Direttiva 2009/72 u mill-premessa 21 tad-Direttiva 2009/73 jirriżulta li s-separazzjoni kompleta tal-attivitajiet ta' network mill-attivitajiet ta' provvista u ġenerazzjoni/produzzjoni għandha tiġi applikata fl-Unjoni kollha kemm għall-impriżi tal-Unjoni kif ukoll għall-impriżi li ma humiex tal-Unjoni. Sitwazzjonijiet bħal dik imsemmija bħala eżempju fil-punt 44 preċedenti ma jiżgurawx, fl-Unjoni, fejn tinsab sistema ta' trażmissjoni suġġetta għar-regolamentazzjoni, is-separazzjoni kompleta tal-attivitajiet ta' network mill-attivitajiet ta' provvista u ġenerazzjoni/produzzjoni.

48. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Ġermaniż, interpretazzjoni tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" li jinkludi fih l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni/produzzjoni jew provvista mwettqa barra mill-Unjoni ma twassalx għal applikazzjoni ekstraterritorjali tad-dritt tal-Unjoni li tmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tad-dritt internazzjonali, u lanqas għal ksur tad-drittijiet fundamentali ta' impriżi li ma jaġixxux fi ħdan l-Unjoni. Fil-fatt, kif ġustament uriet il-Kummissjoni, id-Direttivi ma jikkostitwixxux regolamentazzjoni tal-attivitajiet imwettqa mill-impriża integrata vertikalment barra mit-territorju tal-Unjoni, iżda jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li dawn l-impriżi għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jiġġestixxu networks ta' trażmissjoni ta' elettriku jew ta' gass fi ħdan l-Unjoni [21].

49. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta, fil-fehma tiegħi, li l-ewwel motiv tal-Kummissjoni għandu jintlaqa'.

[19] Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017, Balgarska energiyna borsa (C-347/16, EU:C:2017:816, punt 34).

[20] Il-premessi u d-dispożizzjoni tad-Direttiva 2009/72 iċċitati iktar 'il fuq jikkorrispondu mal-premessi 13, 14 u 16 u mal-Artikolu 52(3) tad-Direttiva 2009/73.

[21] F'dan is-sens, ara wkoll is-sentenzi tat-28 ta' Frar 2013, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-555/10, EU:C:2013:115, punt 60), u tat-28 ta' Frar 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-556/10, EU:C:2013:116, punt 64). Fil-fehma tiegħi, għandu jiġi interpretat fl-istess perspettiva l-Artikolu 11 taż-żewġ Direttivi, iċċitati mill-Gvern Ġermaniż fin-noti tiegħu, li jirrigwardaw proċeduri ta' ċertifikazzjoni fir-rigward ta' pajjiżi terzi. Inqis li bl-ebda mod ma jista' jiġi preżunt minn dawn id-dispożizzjonijiet li l-attivitajiet imwettqa barra mill-Unjoni fis-setturi tal-elettriku u tal-gass għandhom jiġu esklużi mill-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment".

B. Fuq it-tieni motiv relatat mat-traspożizzjoni insuffiċjenti tad-dispożizzjonijiet dwar il-perijodi ta' tranżizzjoni fil-qafas tal-mudell tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti

1. L-argumenti tal-partijiet

50. Il-Kummissjoni ssostni li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10c(2) u (6) tal-EnWG jillimitaw indebitament il-portata tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi u għalhekk jikkostitwixxu traspożizzjoni insuffiċjenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għalhekk naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi.

51. Skont il-Kummissjoni, l-Artikoli 19(3) tad-Direttivi japplikaw għall-pożizzjonijiet jew funzjonijiet kollha, għall-interessi jew relazzjonijiet kummerċjali kollha, kemm diretti kif ukoll indiretti, fil-konfront tal-impriża integrata vertikalment, tal-fergħat tagħha, tal-impriżi li jiffurmaw parti minnha u tal-azzjonisti ta' kontroll tagħha. Il-portata ta' din id-dispożizzjoni ma hijiex limitata għall-partijiet tal-impriża integrata vertikalment jew għall-azzjonisti ta' kontroll tagħha li jwettqu, fis-settur tal-enerġija, l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 10c(2) tal-EnWG.

52. Il-limitazzjoni prevista fid-dritt Ġermaniż għal dawn l-attivitajiet għalhekk la hija konformi mal-kliem tal-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi, u lanqas mal-għanijiet tar-regoli li jirrigwardaw is-separazzjoni effettiva. Fil-fatt, skont il-mudell tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti, dan jista' jibqa' parti minn impriża integrata vertikalment biss jekk jiġu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet rigoruż ta' organizzazzjoni, ta' tmexxija u ta' investiment, previsti fid-Direttivi, li jiżguraw l-indipendenza effettiva tiegħu mill-impriża integrata vertikalment fl-intier tagħha. Fil-fatt, l-interessi min-naħa ta' impriża integrata vertikalment attiva fis-settur tal-enerġija jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq il-politika u fuq l-interessi tal-impriża integrata vertikalment kollha, inklużi l-partijiet tagħha mhux attivi fis-setturi tal-enerġija.

53. L-esklużjoni ta' partijiet tal-impriża integrata vertikalment li ma jkunux direttament attivi f'dan is-settur tippermetti li jiġu evitati r-regoli dwar is-separazzjoni effettiva. Id-dipartimenti fi ħdan impriża integrata vertikalment huma, fir-realtà, neċessarjament strettament interdipendenti. Għalhekk ma jkunx possibbli li jiġi eskluż *a priori* li, fl-interazzjoni meħtieġa bejn id-diversi komponenti tagħha, id-dipartimenti li ma jkunux attivi fis-settur tal-enerġija jistgħu jkunu kkundizzjonati mill-interessi tal-impriża integrata vertikalment fis-setturi tal-ġenerazzjoni, tal-produzzjoni u tal-provvista. Huwa proprju sabiex jiġu evitati tali riskji u sabiex tiġi żgurata s-separazzjoni effettiva tal-operatur ta' trażmissjoni mill-impriża integrata vertikalment li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li jinkludiha bil-partijiet kollha tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi u li ma jillimitax il-portata ta' dawn id-dispożizzjonijiet esklużivament għall-partijiet attivi fis-settur tal-enerġija, kif sar fil-leġiżlazzjoni Ġermaniża li ttrasponiet id-Direttivi.

54. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkontesta l-argumenti tal-Kummissjoni. Hija ssostni, fl-ewwel lok, li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi u tal-EnWG għandhom l-istess portata. Fil-fatt, mill-punt 21 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72 u mill-punt 20 tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2009/73 jista' jiġi dedott li impriża integrata vertikalment hija kkostitwita minn impriżi tal-elettriku jew impriżi ta' gass naturali u mhux minn impriżi li joperaw f'setturi oħra tal-ekonomija. Għalhekk, anki fid-Direttivi, bħal fid-dritt Ġermaniż, il-klassifikazzjoni ta' impriża tal-elettriku jew tal-gass naturali hija suġġetta għal qasam ta' attività speċifiku.

55. Fit-tieni lok, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttivi, jiġifieri l-eliminazzjoni tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi bejn produtturi, fornituri u operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, huwa neċessarju, iżda suffiċjenti, li tiġi żgurata l-indipendenza tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni mill-partijiet tal-impriża integrata vertikalment attivi fis-setturi tal-enerġija. Sabiex jiġu evitati dawn il-kunflitti ta' interessi, madankollu, ma huwiex neċessarju li tiġi estiża l-portata tad-dispożizzjonijiet relatati mal-perijodi tranżitorji għall-partijiet tal-impriża li ma jkunux attivi f'dawn is-setturi. Lanqas huwa teoretikament konċepibbli li t-trasferiment tal-persunal minn parti tal-impriża li ma toperax fis-settur tal-enerġija għall-operatur tan-network ta' trażmissjoni jista' joħloq kunflitt ta' interessi bejn produtturi, fornituri u operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni.

56. Fit-tielet lok, id-dispożizzjonijiet dwar il-perijodi tranżitorji jista' jkollhom effett fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema skont l-Artikolu 45 TFUE u fuq id-dritt fundamentali għal-libertà professjonali skont l-Artikolu 15(1) tal-Karta. Limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet ikunu ġġustifikati biss jekk ifittxu għanijiet ta' interess ġenerali u jkunu neċessarji u proporzjonati sabiex jintlaħqu tali għanijiet. Madankollu, l-effettività tas-separazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interessi fil-qafas tal-mudell tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti jeħtieġu s-sospensjoni temporanja tat-trasferiment tal-persunal sempliċement minn partijiet differenti tal-impriża integrata vertikalment attivi fis-settur tal-enerġija u mhux fir-rigward ta' partijiet oħra ta' din l-impriża.

2. Evalwazzjoni

57. L-evalwazzjoni tal-fondatezza tat-tieni motiv tar-rikors tal-Kummissjoni tiddependi fuq id-determinazzjoni tal-portata tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi li jipprevedu li, għal ċerti "perijodi tranżitorji" (tliet snin jew sitt xhur qabel il-ħatra tagħhom), il-persuni responsabbli għall-ġestjoni, u/jew il-membri tal-korpi amministrattivi tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti, kif ukoll il-persuni l-oħra kollha indikati fit-tielet inċiż tal-paragrafu 8 ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ma jkollhomx, essenzjalment, relazzjonijiet professjonali u/jew kummerċjali mal-impriża integrata vertikalment jew parti minnha, u lanqas mal-azzjonisti ta' kontroll tagħha.

58. B'mod partikolari, għandu jiġi evalwat jekk hijiex kompatibbli ma' dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi regola nazzjonali ta' traspożizzjoni, bħal dik Ġermaniża inkwistjoni, li tillimita l-applikabbiltà tal-perijodi tranżitorji neċessarji previsti fiha biss għall-persunal tal-partijiet tal-impriża integrata vertikalment jew tal-azzjonisti ta' kontroll tagħha li jwettqu, fis-settur tal-enerġija, l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 10c(2) tal-EnWG.

59. F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punt 31 preċedenti, għandha tiġi stabbilita l-portata tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi filwaqt li jiġu kkunsidrati mhux biss il-kliem tagħhom, iżda wkoll il-kuntest li fih jaqgħu u l-għan li għandu jintlaħaq mir-regola inkwistjoni.

60. Mill-perspettiva letterali, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni tal-EnWG, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi ma fihom ebda limitazzjoni espliċita tal-portata tagħhom biss għall-persunal tal-partijiet tal-impriża integrata vertikalment attivi fis-settur tal-enerġija. Għall-kuntrarju, kemm il-paragrafu 3, kif ukoll it-tieni inċiż tal-paragrafu 8, jirreferu għall-impriża integrata vertikalment fl-intier tagħha, u l-paragrafu 3 jagħmel riferiment ukoll għal parti minnha mingħajr ebda spjegazzjoni oħra.

61. Mill-perspettiva kuntestwali u teleoloġika, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi huma parti mir-regoli diġà ċċitati tal-Kapitolu V tad-Direttiva 2009/72 u tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/73 li, fid-dawl tat-tielet għażla msemmija fil-punt 38 preċedenti, għandhom l-għan li jiżguraw l-indipendenza tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti mill-impriża integrata vertikalment, sabiex jiġu eliminati l-kunflitti ta' interessi inerenti bejn, minn naħa waħda, l-interessi relatati mal-attivitajiet ta' ġenerazzjoni ta' elettriku jew produzzjoni ta' gass u ta' provvista u, min-naħa l-oħra, il-ġestjoni tas-sistema ta' trażmissjoni, sabiex jintlaħqu l-għanijiet l-oħra indikati fil-punt 42 preċedenti.

62. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 46 preċedenti, id-dispożizzjonijiet relatati mas-separazzjoni effettiva huma intiżi sabiex jiżguraw indipendenza *totali* u *effettiva* tal-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni fi ħdan l-impriża integrata vertikalment, fil-każijiet fejn ma tintgħażilx l-għażla tas-separazzjoni tad-dritt għall-proprjetà, li, kif diġà ġie rrilevat, f'għajnejn il-leġiżlatur, hija soluzzjoni preferibbli [22]. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li d-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni effettiva, li għandhom rwol fundamentali fis-sistema maħluqa mid-Direttivi, ma jistgħux jiġu interpretati b'mod restrittiv, iżda għandhom, minflok, jinftiehmu b'mod wiesa' sabiex tiġi żgurata l-indipendenza totali u effettiva tal-operatur tat-trażmissjoni indipendenti fil-konfront tal-impriża integrata vertikalment.

63. B'mod konkret, inqis li, kif issostni l-Kummissjoni, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li, fil-qafas ta' impriża integrata vertikalment jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet ta' kunflitt bejn l-interessi tal-impriża integrata vertikalment ikkunsidrata kollha kemm hi u l-interessi tal-operatur ta' trażmissjoni li jista' jkollu effett fuq l-għażliet ta' ġestjoni ta' dan tal-aħħar. Fi struttura neċessarjament kumplessa bħalma tista' tkun dik ta' impriża integrata vertikalment attiva, fost l-oħrajn, fis-settur tal-enerġija, ma jistax jiġi eskluż li l-interessi fis-setturi tal-ġenerazzjoni jew tal-produzzjoni u tal-provvista jistgħu jikkundizzjonaw l-attivitajiet ta' partijiet tal-impriża li ma jkunux direttament attivi fis-settur tal-enerġija. Inqis li huwa proprju għal din ir-raġuni li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi, irrefera għall-impriża integrata vertikalment kollha kemm hi u ma llimitax espliċitament il-portata ta' dawn id-dispożizzjonijiet sempliċement għall-partijiet attivi tagħha fis-setturi tal-enerġija.

64. F'dan ir-rigward nirrileva li, ċertament, kif juri l-Gvern Ġermaniż, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" li tinsab fil-punt 21 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72 u fil-punt 20 tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2009/73 tirreferi għal "impriżi tal-elettriku" u għal "impriżi tal-gass naturali" (jew grupp ta' tali impriżi), kif iddefiniti rispettivament fil-punti 35 u 1 tal-imsemmija artikoli. Madankollu, jekk minn dawn id-definizzjonijiet jiġi dedott li fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-kunċetti jaqgħu l-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jwettqu tal-inqas waħda mill-funzjonijiet hemm indikati [23], minn dan ma jiġix dedott, min-naħa l-oħra, li għandhom jiġu eskluži mill-kunċett ta' "impriża integrata vertikalment" il-partijiet tagħha li ma jkunux attivi f'dawn is-setturi, bl-eventwali esklużjoni ta' dawn il-partijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi li jirrigwardaw is-separazzjoni effettiva. Kif tirrileva l-Kummissjoni, tali interpretazzjoni restrittiva tagħti lok għal qasma artifiċjali tal-impriża li ma tikkorrispondix mar-realtà ekonomika u li hija, fil-fehma tiegħi, kuntrarja għar-rekwiżit imsemmi, fil-punt 62 preċedenti, li d-dispożizzjonijiet hawn fuq iċċitati għandhom jiġu interpretati f'sens wiesa'.

[22] Ara l-premessa 11 tad-Direttiva 2009/72 u l-premessa 8 tad-Direttiva 2009/73, u l-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[23] Jew funzjonijiet ta' ġenerazzjoni/produzzjoni, trasport, distribuzzjoni, provvista jew akkwist ta' elettriku jew gass naturali u ta' responsabbiltà għal funzjonijiet kummerċjali, tekniċi u/jew ta' manutenzjoni marbuta ma' dawn il-funzjonijiet.

65. F'dak li jirrigwarda, sussegwentement, il-moviment liberu tal-ħaddiema fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE, invokat mill-Gvern Ġermaniż, inqis li minkejja li, kif sostnut minn dan il-Gvern, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi jistgħu effettivament jikkostitwixxu ostakolu għall-eżerċizzju ta' din il-libertà, dawn madankollu jissodisfaw l-għan ta' interess ġenerali li għandu jintlaħaq mill-Unjoni u huma ġġustifikati u proporzjonati.

66. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont il-ġurisprudenza, miżura li tikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema tista' tkun aċċettata biss jekk tfittex wieħed mill-għanijiet leġittimi stipulati fit-Trattat FUE u tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. F'każ bħal dan, ikun meħtieġ ukoll li l-applikazzjoni tagħhom tkun adatta sabiex jiġi ggarantit it-twettiq tal-għan inkwistjoni u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan [24].

67. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-għan li tiġi żgurata s-separazzjoni effettiva li għandu jintlaħaq mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija msemmi fl-Artikolu 194(1) TFUE. Tali dispożizzjonijiet huma idonei wkoll sabiex jintlaħaq dan il-għan, inkwantu l-previżjoni ta' "perijodi tranżitorji" fi ħdan l-impriża integrata vertikalment jew għall-azzjonisti ta' kontroll qabel il-ħatra f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà jew ta' direzzjoni tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni hija ideali sabiex tiżgura l-indipendenza tiegħu fir-rigward tal-istrutturi tal-impriża integrata vertikalment li jkunu jistgħu jiġu influwenzati mill-interessi relatati mal-attivitajiet ta' ġenerazzjoni, produzzjoni u provvista ta' elettriku jew gass. Fid-dawl tar-restrizzjonijiet *ratione temporis* tal-limitazzjonijiet previsti, inqis li anki dawn id-dispożizzjonijiet ma jeċċedux dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti minn qabel.

68. F'dak li jirrigwarda, min-naħa l-oħra, id-dritt fundamentali għall-għażla libera tal-professjoni fis-sens tal-Artikolu 15(1) tal-Karta, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan id-dritt ma jidhirx li huwa prerogattiva assoluta, iżda għandu jiġi kkunsidrat skont il-funzjoni tiegħu fis-soċjetà, u li konsegwentement, jistgħu jsiru restrizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt sakemm dawn ir-restrizzjonijiet effettivament jissodisfaw għan ta' interess ġenerali li l-Unjoni tfittex li tilħaq u ma jammontawx, fir-rigward tal-għan mixtieq, għal intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess ta' dawn id-drittijiet [25].

69. Minn dak espost fil-punt 67 preċedenti jirriżulta li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 19(3) u (8) tad-Direttivi effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali li għandhom jintlaħqu mill-Unjoni. Minħabba l-limitazzjoni tagħhom *ratione temporis*, dawn lanqas ma jistgħu, fil-fehma tiegħi, jitqiesu li huma intervent sproporzjonat u inammissibbli li jippreġudika l-mertu stess tad-dritt fundamentali għal għażla libera tal-professjoni ggarantit bl-Artikolu 15(1) tal-Karta.

70. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, anki t-tieni motiv tal-Kummissjoni għandu jintlaqa'.

[24] Ara s-sentenza tat-23 ta' April 2020, Land Niedersachsen (Perijodi preċedenti ta' attività rilevanti) (C-710/18, EU:C:2020:299, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata), u s-sentenzi tas-16 ta' Marzu 2010, Olympique Lyonnais, (C-325/08, ECLI:EU:C:2010:143, punt 38), u tal-10 ta' Ottubru 2019, Krah (C-703/17, EU:C:2019:850, punt 55).

[25] Ara s-sentenzi tal-5 ta' Lulju 2017, Fries (C-190/16, EU:C:2017:513, punt 73), u tas-6 ta' Settembru 2012, Deutsches Weintor (C-544/10, EU:C:2012:526, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

C. Fuq it-tielet motiv relatat mat-traspożizzjoni insuffiċjenti tad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 19(5) tad-Direttivi 2009/72 u 2009/73

1. L-argumenti tal-partijiet

71. Il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja talli ma ttrasponietx b'mod suffiċjenti fid-dritt nazzjonali d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 19(5) tad-Direttivi, li jipprevedu, fil-qasam tal-għażliet tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti, li l-persuni responsabbli għall-ġestjoni u/jew il-membri tal-korpi amministrattivi u impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni la jista' jkollhom interessi, u lanqas jirċievu vantaġġi minn xi parti jew oħra tal-impriża integrata vertikalment differenti mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.

72. L-obbligu li jinbiegħu l-ishma miżmuma fil-kapital tal-impriża integrata vertikalment, akkwistati qabel it-3 ta' Marzu 2012, stabbilit bl-Artikolu 10c(4) tal-EnWG, fil-fatt, japplika, għalhekk, biss għall-ishma miżmuma mill-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, u mhux għal dawk miżmuma mill-impjegati, minkejja li skont l-Artikolu 19(5) tad-Direttivi, dan l-obbligu għandu japplika mingħajr distinzjoni għall-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni u għall-impjegati ta' dan l-operatur. Skont il-Kummissjoni, anki jekk l-impjegati ta' operatur ta' sistemi ta' trażmissjoni ma jkunux jistgħu jieħdu deċiżjonijiet amministrattivi, xorta jkunu f'pożizzjoni li jinfluwenzaw l-attivitajiet tal-persuni li jimpjegawhom, u dan jiġġustifika l-applikazzjoni anki fil-konfront tagħhom tal-obbligu li jittrasferixxu l-ishma tagħhom fil-kapital tal-impriża integrata vertikalment. Obbligu bħal dan ma jippreġudikax id-drittijiet għall-proprjetà ta' dawn l-impjegati, sakemm dan japplika biss għall-futur, b'tali mod li dividendi diġà mqassma ma jiġux affettwati. Barra minn hekk, tali ishma jiġu ttrasferiti biss bil-kunsens tal-proprjetarju tagħhom u b'korrispettiv adegwat.

73. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkontesta l-argumenti tal-Kummissjoni. It-trattament differenti tal-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni mill-impjegati l-oħra fir-rigward tal-obbligu ta' trasferiment tal-ishma fl-impriża integrata vertikalment huwa dovut għall-pożizzjoni predominanti tagħhom. Għall-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni, fil-fatt, l-"istock options" jew l-ishma fil-kapital normalment ikunu parti mir-remunerazzjoni tagħhom li għalhekk tiddependi fuq kif ikunu sejrin dawn l-ishma. Barra minn hekk, dawn il-persuni jkollhom influwenza strateġika deċiżiva fuq l-amministrazzjoni tal-operatur ta' trażmissjoni, li jġib miegħu riskju partikolari ta' kunflitti ta' interessi. Min-naħa l-oħra, l-impjegati l-oħra ma jkunux jistgħu jeżerċitaw influwenza sinjifikattiva fuq l-amministrazzjoni ta' kuljum tan-network. Barra minn hekk, qabel id-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti msaħħa ta' indipendenza li għandhom id-Direttivi, l-ishma fl-impriża integrata vertikalment normalment kienu jagħmlu parti integrali mill-patrimonju jew mit-tfaddil individwali tal-impjegati. Sabiex ma tinħoloqx restrizzjoni sproporzjonata għad-dritt għall-proprjetà tagħhom, iggarantit kostituzzjonalment, kien għalhekk ġie deċiż li l-impjegati jiġu pprojbiti biss li jakkwistaw fil-futur ishma fl-impriża integrata vertikalment. Din id-deċiżjoni hija r-riżultat ta' bbilanċjar bejn ir-rekwiżiti relatati mas-separazzjoni effettiva u mal-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà tal-impjegati. Fi kwalunkwe każ, id-Direttivi ma jistabbilixxux kif għandhom jiġu ttrattati l-ishma li l-impjegati jkunu akkwistaw qabel l-iskadenza, b'tali mod li l-Istati Membri kienu liberi li jadottaw id-dispożizzjonijiet tranżitorji li kien jidhrilhom adattati.

2. Evalwazzjoni

74. L-evalwazzjoni tal-mertu tat-tielet ilment tar-rikors tal-Kummissjoni tiddependi fuq kif tiġi stabbilita l-portata tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19(5) tad-Direttivi. B'mod partikolari, għandu jiġi evalwat jekk hijiex kompatibbli ma' dawn id-dispożizzjonijiet leġiżlazzjoni nazzjonali ta' traspożizzjoni, bħal dik prevista fl-Artikolu 10c(4) tal-EnWG, li tipprevedi obbligu ta' trasferiment tal-ishma fil-kapital tal-impriża integrata vertikalment jew f'parti minnha, fil-konfront tal-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni biss, bl-esklużjoni, għalhekk, tal-impjegati l-oħra tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.

75. F'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-punt 31 preċedenti, għandha tiġi stabbilita l-portata tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi billi jiġu kkunsidrati mhux biss il-kliem tagħhom, iżda anki l-kuntest li fihom jinsabu u l-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

76. Mill-perspettiva letterali, għandu jiġi rrilevat li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 19(5) tad-Direttivi huma ċari inkwantu jipprojbixxu lill-persuni responsabbli għall-amministrazzjoni u/jew lill-membri tal-korpi amministrattivi, kif ukoll lill-impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, milli jkollhom interessi fi kwalunkwe parti tal-impriża integrata vertikalment. Dawn id-dispożizzjonijiet ma joħolqu ebda distinzjoni bejn l-ewwel u t-tieni kategorija tal-persuni kkonċernati.

77. Mill-perspettiva kuntestwali u teleoloġika, inqis li kunsiderazzjonijiet simili għal dawk li saru fil-punti 61 u 62 preċedenti dwar il-paragrafi 3 u 8 tal-istess artikoli tad-Direttivi huma applikabbli anki sabiex tiġi stabbilita l-portata tad-dispożizzjoni li tinsab fil-paragrafu 5 tal-istess artikoli. B'mod partikolari, ir-rekwiżit sottostanti d-dispożizzjonijiet relatati mas-separazzjoni effettiva sabiex tiġi żgurata indipendenza *totali* u *effettiva* tal-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni fi ħdan l-impriża integrata vertikalment, fil-każijiet fejn ma tintgħażilx l-għażla tas-separazzjoni tal-proprjetà [26], jiġġustifika, fil-fehma tiegħi, interpretazzjoni f'sens wiesa' tal-projbizzjoni ta' żamma tal-ishma fl-impriża integrata vertikalment, li tosserva l-kliem tad-dispożizzjonijiet u li għalhekk tinkludi obbligu ta' trasferiment, fil-każ li l-impjegati jkollhom dawn l-ishma. Kif irrilevat mill-Kummissjoni, anki fil-każ li impjegat ma jipparteċipax fid-deċiżjonijiet amministrattivi ta' kuljum tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li impjegat jista' jkun f'pożizzjoni li jinfluwenza l-attivitajiet tal-persuna li timpjegah u li, għalhekk, ikunu jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi fil-każ li fih huwa jkollu ishma fl-impriża integrata vertikalment jew f'parti minnha.

78. F'dan il-kuntest, inqis għalhekk li l-Istati Membri ma kellhom ebda marġni ta' diskrezzjoni fit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tad-direttiva, billi eskludew, mill-obbligu ta' trasferiment tal-interessi fl-impriża integrata vertikalment, lill-impjegati tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni.

79. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-proporzjonalità tal-projbizzjoni li jinżammu interessi fl-impriża integrata vertikalment għall-impjegati *kollha* tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, mill-kliem tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li ma jagħmilx distinzjoni bejn id-diversi tipi ta' impjegati tal-operatur ta' trażmissjoni indipendenti affettwati bil-projbizzjoni. F'dan il-kuntest, li tiġi kkontestata din l-għażla jfisser, fil-fehma tiegħi, essenzjalment, li tiġi kkontestata l-leġittimità tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi.

[26] Ara l-punt 38 hawn fuq.

80. F'dan ir-rigward madankollu għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-assenza ta' dispożizzjoni tat-Trattat FUE li tawtorizzah espressament, Stat Membru ma jistax jinvoka b'mod effettiv l-illegalità ta' direttiva li tagħha huwa destinatarju bħala mezz ta' difiża kontra rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bbażat fuq in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' din id-direttiva. Soluzzjoni differenti tista' tapplika biss jekk l-att inkwistjoni kien ivvizzjat b'difetti partikolarment serji u evidenti, b'tali mod li jkun jista' jiġi kkwalifikat bħala att ineżistenti [27], kwistjoni li ma tapplikax f'dan il-każ.

81. Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-argument tal-Gvern Ġermaniż li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti li jiġi rrispettat id-dritt għall-proprjetà tal-impjegati, għandu jitfakkar li d-dritt għall-proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17(1) tal-Karta ma huwiex prerogattiva assoluta u li l-eżerċizzju tiegħu jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet iġġustifikati minħabba għanijiet ta' interess ġenerali li jkollhom jintlaħqu mill-Unjoni. Minn dan isegwi li, kif jirriżulta mill-Artikolu 52(1) tal-Karta, jista' jkun hemm restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt għall-proprjetà, bil-kundizzjoni li dawn ir-restrizzjonijiet effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali li jkollhom jintlaħqu u ma jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għan li jkollu jintlaħaq, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika l-essenza stess tad-dritt hekk iggarantit [28].

82. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, nirrileva li, kif jirriżulta mill-punt 67 preċedenti, id-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni effettiva bejn l-amministrazzjoni tas-sistema ta' trażmissjoni u l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni, produzzjoni u provvista ta' elettriku jew gass naturali, li minnhom l-Artikoli 19(5) tad-Direttivi jiffurmaw parti, jissodisfaw effettivament għan ta' interess ġenerali li għandu jintlaħaq mill-Unjoni.

83. Fit-tieni lok, inqis ukoll li l-projbizzjoni prevista f'dawn id-dispożizzjonijiet ma hijiex tali li tippreġudika l-essenza stess tad-dritt għall-proprjetà ggarantit bl-Artikolu 17(1) tal-Karta. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni tirrigwarda d-drittijiet li għandhom valur patrimonjali li minnhom tirriżulta, fir-rigward tal-ordinament ġuridiku rilevanti, pożizzjoni legali miksuba li tippermetti eżerċizzju awtonomu ta' dawn id-drittijiet minn u favur id-detentur tagħhom [29]. Madankollu, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni ma jistgħux jikkontestaw il-valur patrimonjali korrispondenti għall-ishma eventwalment miżmuma mill-impjegati. Fil-fatt, id-Direttivi bl-ebda mod ma jopponu l-bejgħ bi prezz tas-suq ta' dawn l-ishma jew ta' xi forom oħra ta' rikonoxximent tal-valur patrimonjali ta' dawn l-ishma favur l-impjegati suġġetti għall-obbligu ta' trasferiment.

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha nqis li anki t-tielet ilment tal-Kummissjoni għandu jintlaqa'.

[27] F'dan ir-rigward, ara *ex multis* is-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2016, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-601/14, EU:C:2016:759, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[28] Sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u L-BĊE (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punti 69 u 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[29] Sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2019:432, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).

D. Fuq ir-raba' lment relatat ma' ksur tal-kompetenzi esklużivi tal-awtorità nazzjonali regolatorja

1. L-argumenti tal-partijiet

85. Il-Kummissjoni ssostni li, bl-għoti lill-Gvern, permezz tal-Artikolu 24(1) tal-EnWG, ta' kompetenzi sabiex jiġu stabbiliti t-tariffi ta' trasport u ta' distribuzzjoni, il-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-networks nazzjonali u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' servizzi ta' bbilanċjar, u bl-adozzjoni, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, ta' sensiela ta' regolamenti dwar il-modalitajiet tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni [30], ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma osservatx il-kompetenzi esklużivi li d-dritt tal-Unjoni ta lill-ANR. Dan l-Istat Membru għalhekk ittraspona b'mod inkorrett l-Artikolu 37(1)(a) u (6)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/72 u l-Artikolu 41(1)(a) u (6)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/73.

86. Il-Kummissjoni tirrileva li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma jipprevedux sempliċement "linji gwida ġenerali ta' politika maħruġa mill-gvern" skont l-Artikolu 35(4)(b)(ii) tad-Direttiva 2009/72 u l-Artikolu 39(4)(b)(ii) tad-Direttiva 2009/73. Minflok, dawn jattribwixxu direttament lill-Gvern xi kompetenzi li, skont dawn id-Direttivi, huma rriżervati biss għall-ANR u huma relatati mal-funzjonijiet u l-kompetenzi tal-ANR. Ir-regolamenti nazzjonali adottati abbażi tal-punt 1 tal-Artikolu 24(1) tal-EnWG jikkostitwixxu istruzzjonijiet iddettaljati ferm indirizzati lill-ANR dwar il-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni tagħhom. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu l-proċedura u l-modalitajiet sabiex jiġu ffissati t-tariffi relatati man-networks filwaqt li jipprevedu elementi ddettaljati bħal, pereżempju, il-metodu ta' deprezzament u l-indiċjar.

87. Minkejja li dawn id-dispożizzjonijiet regolamentari nazzjonali jħallu ċertu marġni ta' diskrezzjoni lill-ANR fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom, peress li huma ddettaljati ħafna, dawn inaqqsu b'mod kunsiderevoli s-setgħat tal-ANR għal dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-metodoloġiji, tat-tariffi li jkollhom jiġu applikati, u tal-ispejjeż li jkollhom jiġu rrikonoxxuti. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet regolamentari jipprevedu regoli ddettaljati dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-network, bħal indikazzjonijiet iddettaljati dwar il-ftehim ta' interkonnessjoni bejn l-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni jew dwar il-kapaċitajiet li jkunu jistgħu jingħataw b'mod ħieles jew għal numru ta' swieq territorjali. Skont il-Kummissjoni, il-previżjoni ta' dispożizzjonijiet daqstant iddettaljati timpedixxi lill-ANR milli twettaq l-evalwazzjonijiet proprji tagħha u tnaqqas, għalhekk, il-marġni ta' diskrezzjoni tagħha, billi tneħħilha kompetenzi li d-Direttivi jagħtuha b'mod esklużiv.

88. Fir-rigward tal-invokazzjoni tal-prinċipju ta' separazzjoni tas-setgħat u taż-żamma tas-sovranità tal-leġiżlatur, il-Kummissjoni ma toġġezzjonax li l-funzjonijiet fdati lill-ANR għandhom jiġu stabbiliti f'atti leġiżlattivi, li wara kollox ikun indispensabbli, peress li huwa neċessarju li d-Direttivi jiġu trasposti fid-dritt nazzjonali. Il-Kummissjoni tikkontesta però li fit-traspożizzjoni tad-Direttivi, il-leġiżlatur Ġermaniż ma tax lill-ANR il-funzjonijiet previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Minflok ma stabbilixxa, kif mitlub mid-Direttivi, dawn il-funzjonijiet

[30] Il-Kummissjoni ssemmi l-iStromnetzentgeltverordnung (StroNEV, regolament dwar l-iffissar tat-tariffi ta' użu tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku, tal-25 ta' Lulju 2005, BGBl. I p. 2225), il-Gasnetzentgeltverordnug (GasNEV, regolament dwar l-iffissar tat-tariffi ta' użu tas-sistema ta' trażmissjoni ta' gass tal-25 ta' Lulju 2005, BGBl. I p. 2197), l- Anreizregulierungsverordnung (ARegV, regolament dwar ir-regolamentazzjoni tan-networks ta' provvista ta' enerġija permezz ta' inċentivi, tad-29 ta' Ottubru 2007, BGBl. I, p. 2529), l-iStromnetzzugangsverordnung (StromNZV, regolament dwar l-aċċess għal sistema ta' trażmissjoni ta' elettriku tal-25 ta' Lulju 2005, BGBl. I p. 2243) u l-Gasnetzzugangsverordnug (GasNZV, regolament dwar l-aċċess għal sistema ta' trażmissjoni ta' gass tat-3 ta' Settembru 2010, BGBl. I p. 1261).

bħala kompetenzi esklużivi tal-ANR, il-leġiżlatur Ġermaniż fl-EnWG ipprovda li l-kundizzjonijiet li fihom l-ANR tista' tiżvolġi dawn il-funzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att leġiżlattiv tal-Gvern. Madankollu, skont id-Direttivi, l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li l-ANR tingħata l-kompetenza esklużiva li twettaq il-funzjonijiet iddefiniti fl-Artikoli 37 tad-Direttiva 2009/72 u 41 tad-Direttiva 2009/73.

89. Skont il-Kummissjoni, id-Direttivi jiddefinixxu l-funzjonijiet u l-kompetenzi tal-ANR b'mod iddettaljat billi jipprevedu r-rekwiżiti kemm ta' natura proċedurali kif ukoll sostantivi li l-ANR għandhom josservaw fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Fl-interazzjoni tagħhom ma' atti oħra rilevanti tad-dritt tal-Unjoni [31], id-Direttivi jiżguraw li l-ANR twettaq il-funzjonijiet fdati lilha mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-oqsma ta' kompetenza ddefiniti minn dan tal-aħħar. Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom ikunu suffiċjenti sabiex jistabbilixxu l-qafas ġuridiku neċessarju għall-azzjoni amministrattiva tal-ANR u biex jiġi ssodisfatt il-prinċipju ta' separazzjoni tas-setgħat. Regoli oħra ta' dritt nazzjonali relatati mat-twettiq tal-funzjonijiet tal-ANR ma jistgħux jagħtu lok għal ksur tal-kompetenzi esklużivi mogħtija lilha. Id-dispożizzjonijiet regolamentari inkwistjoni adottati fil-Ġermanja ma jippreveduх biss regoli ġenerali li għandhom jiġu osservati mill-korpi nazzjonali f'dak li jirrigwarda l-leġittimità u l-bażi tal-attività amministrattiva, iżda jikkostitwixxu regoli ddettaljati applikabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni prevista fid-Direttivi. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset li dan jikkostitwixxi nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minn Stat Membru fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-474/08, mhux ippubblikata, EU:C:2009:681, iktar 'il quddiem is-sentenza "Il-Kummissjoni vs Il-Belġju").

90. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sostnuta mir-Renju tal-Isvezja, tikkontesta l-argumenti mqajma mill-Kummissjoni. Preliminarjament, hija ssostni li, fir-replika tagħha, il-Kummissjoni qajmet ilment ġdid dwar il-ksur tal-indipendenza tal-ANR. Dan l-ilment ġdid jikkostitwixxi twessigħ *a posteriori* tas-suġġett tal-kawża, u bħala tali huwa inammissibbli.

91. Fil-mertu, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-EnWG hija bbażata fuq il-prinċipju ta' "regolamentazzjoni leġiżlattiva" (normative Regulierung), li tipprevedi li l-ANR għandha tadotta d-deċiżjonijiet konkreti ta' regolamentazzjoni b'indipendenza assoluta, iżda, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-metodoloġiji għall-aċċess għan-network, hija marbuta bid-deċiżjonijiet ta' prinċipju tal-leġiżlatur parlamentari li jiġu kkonkretizzati fir-regolamenti adottati mill-Gvern. F'dan il-qafas l-ANR għandha marġni ta' diskrezzjoni wiesa', iżda l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha huwa strutturat preliminarjament (vorstrukturiert) b'tali mod li jiżgura li l-katina ta' leġittimizzazzjoni demokratika ma tiġix interrotta, kif mitlub mid-dritt kostituzzjonali Ġermaniż. Ma hijiex l-ANR, iżda l-leġiżlatur, li għandu jadotta deċiżjonijiet ta' prinċipju dwar il-politika tal-enerġija, bħal dawk neċessarji fil-qasam tal-proċess ta' tranżizzjoni tal-enerġija lejn l-enerġija rinnovabbli.

92. L-EnWG ma tagħtix kompetenzi ta' regolamentazzjoni lill-Gvern Federali, iżda tawtorizzah, permezz ta' delega ta' kompetenza leġiżlattiva, jeżerċita setgħa leġiżlattiva-regolamentari, bl-approvazzjoni tal-Bundesrat (il-Kunsill Federali, il-Ġermanja), skont l-Artikolu 80(1) tal-Grundgesetz (il-Liġi Fundamentali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja). Ir-regolamenti adottati mill-Gvern Federali ma jirrigwardawx il-kundizzjonijiet individwali ta' aċċess

[31] Il-Kummissjoni tirreferi għar-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 (ĠU 2009, L 211, p. 15, kif emendat, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 714/2009") u r-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU 2009, L 211, p. 36, kif emendat, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 715/2009").

għan-networks, iżda d-definizzjoni b'mod astratt u ġenerali ta' metodoloġiji li l-ANR tiċċara u tapplika f'kull każ individwali. Fid-dritt kostituzzjonali Ġermaniż, regolamenti ta' dan it-tip ma jikkostitwixxux linji gwida ta' politika ġenerali, iżda atti leġiżlattivi sostantivi.

93. Il-leġiżlazzjoni tal-EnWG hija konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar il-funzjonijiet tal-ANR. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sostnuta fuq dan il-punt mir-Renju tal-Isvezja, fil-fatt issostni li d-Direttivi bl-ebda mod ma jeskludu li l-leġiżlatur nazzjonali jadotta dispożizzjonijiet iktar speċifiċi u preċiżi minn dawk ġenerali tad-Direttivi dwar il-metodoloġiji relatati mar-regolamentazzjoni li fuqhom l-ANR hija obbligata tibbaża ruħha. Wara kollox, ikun kuntrarju għall-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi ma jħallu ebda marġni ta' diskrezzjoni għall-Istati Membri fit-traspożizzjoni tar-regoli dwar il-funzjonijiet tal-ANR.

94. Id-Direttivi jippermettu lill-Istati Membri jadottaw diversi sistemi ta' regolamentazzjoni li flimkien jikkostitwixxu traspożizzjoni suffiċjenti tad-Direttivi. Fil-każ tar-"regolamentazzjoni leġiżlattiva", il-leġiżlatur huwa l-awtorità li għandha s-setgħa li tadotta regolamenti li jistabbilixxu l-metodoloġiji ta' kalkolu f'termini ġenerali u astratti u l-ANR hija kompetenti sabiex tikkompleta dawn il-metodoloġiji u, parzjalment, temendahom. Barra minn hekk, f'dan il-każ, l-ANR tadotta deċiżjoni ta' regolamentazzjoni preċiża abbażi ta' dawn il-metodi ta' kalkolu. Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni proposta mill-Kummissjoni tfisser li l-ANR hija kompetenti kemm sabiex jiġu stabbiliti t-tariffi kif ukoll il-metodoloġiji, li hija kuntrarja għall-interpretazzjoni letterali, għar-*ratio*, għall-għan u għall-ġenesi tad-Direttivi.

95. Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju ma hijiex rilevanti inkwantu, f'din il-kawża, ir-regolamenti adottati abbażi tal-Artikolu 24 tal-EnWG huma liġijiet sostantivi u mhux istruzzjonijiet tal-Gvern fil-funzjoni eżekuttiva tiegħu ġerarkikament superjuri meta mqabbla mal-ANR. Barra minn hekk, l-"istrutturizzazzjoni preliminari" tad-diskrezzjonalità tal-ANR permezz ta' regoli leġiżlattivi ma tiksirx l-indipendenza tagħha, li tinsab fin-nuqqas ta' ssuġġettar għal istruzzjonijiet mill-Gvern jew minn awtoritajiet oħra. Din il-kundizzjoni hija ggarantita mid-dritt Ġermaniż.

96. Wara kollox, il-prinċipju ta' "regolamentazzjoni leġiżlattiva" huwa rrikonoxxut anki fid-dritt tal-Unjoni, kif jidher mill-kapaċità tal-Kummissjoni stess li tadotta kodiċijiet ta' network, li ma humiex sempliċement linji gwida ta' politika ġenerali iżda jikkostitwixxu regoli ta' metodoloġija ddettaljati veri u proprji. Id-dritt tal-Unjoni, u speċifikament id-Direttivi, ma jinkludix regoli sostanzjali suffiċjentement preċiżi dwar kif għandhom jiġu stabbiliti l-metodi dwar l-aċċess għan-network u t-tariffi. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nru 714/2009 u Nru 715/2009 ma humiex applikabbli għall-kummerċ ta' elettriku u gass fi ħdan Stat Membru, u lanqas fil-livell tan-networks ta' distribuzzjoni. F'dan il-kuntest, sabiex tiġi żgurata traspożizzjoni korretta tad-Direttivi, l-Istati Membri huma obbligati jiżviluppaw il-kriterji tagħhom sabiex jagħtu qafas għas-setgħa regolamentari tal-ANR.

97. Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza li jirriżultaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7, iktar 'il quddiem is-"sentenza Meroni"), huma applikabbli anki meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jagħti kompetenzi partikolari lill-ANR indipendenti. Abbażi ta' dawn il-prinċipji, id-delega tas-setgħat lil dawn l-awtoritajiet tista' ssir biss jekk il-leġiżlatur ikun adotta minn qabel rekwiżiti suffiċjentement preċiżi f'dak li jirrigwarda l-funzjonijiet u l-kompetenzi ta' dawn l-awtoritajiet. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tinkludix dawn ir-rekwiżiti, b'tali mod li huma l-Istati Membri li għandhom jadottawhom. L-istess obbligu

jirriżulta mill-prinċipji ta' demokrazija u ta' stat tad-dritt, li jiffurmaw parti mill-istrutturi politiċi u kostituzzjonali fundamentali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li l-Unjoni għandha tosserva skont l-Artikolu 4(2) TUE.

2. Evalwazzjoni

98. Preliminarjament, għandha tiġi miċħuda l-eċċezzjoni mqajma mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li l-argumenti tal-Kummissjoni dwar il-ksur tal-indipendenza tal-ANR jikkostitwixxu lment ġdid u huma għalhekk inammissibbli.

99. F'dan ir-rigward nosserva li, permezz tar-raba' lment, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ttrasponiet b'mod inkorrett id-diversi dispożizzjonijiet tad-Direttivi inkwantu l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tmur kontra l-kompetenzi esklużivi mogħtija minnhom lill-ANR. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lill-Gvern uħud mill-kompetenzi li d-Direttivi jirriżervaw għall-ANR u, billi tistipula regoli ddettaljati dwar l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha, tnaqqas b'mod sinjifikattiv il-marġni ta' diskrezzjoni tal-ANR fil-kuntest tal-kompetenzi mogħtija lilha.

100. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li kemm l-għoti lil korp differenti mill-ANR tas-setgħa li jintervjeni f'oqsma rriżervati lilha, kif ukoll l-issuġġettar tal-ANR għal dispożizzjonijiet adottati minn korpi oħra li jipprevedu b'mod iddettaljat l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha fl-oqsma li huma ta' kompetenza tagħha, huma atti li jaffettwaw il-possibbiltà li l-ANR tadotta, f'dawn l-oqsma, deċiżjonijiet b'mod awtonomu, b'libertà sħiħa u mingħajr influwenzi esterni. Minn dan isegwi li r-raba' lment jimplika kwistjonijiet dwar il-ksur tal-indipendenza ggarantita mid-Direttivi għall-ANR u li, għalhekk, l-argumenti mqajma mill-Kummissjoni dwar dan ma jistgħux jitqiesu li huma lment ġdid differenti minn dak li diġà ġie sostnut inizjalment, u għalhekk inammissibbli.

101. Fil-mertu, sabiex jiġi vverifikat ir-raba' lment imqajjem mill-Kummissjoni jeħtieġ, fil-fehma tiegħi, jiġu analizzati d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi filwaqt li jiġi kkunsidrat il-kliem tagħhom, kif ukoll l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni li minnha jiffurmaw parti trid tilħaq, kif ukoll il-kuntest tagħhom [32].

102. F'dan ir-rigward għandu qabelxejn jiġi rrilevat li, fid-Direttivi, ir-regoli li jistipulaw in-nomina, l-għanijiet, il-funzjonijiet u l-kompetenzi tal-ANR, fis-settur tal-elettriku u tal-gass naturali rispettivament, jinsabu fil-Kapitolu IX (Artikoli 35 sa 40) tad-Direttiva 2009/72 u fil-Kapitolu VIII (Artikoli 39 sa 44) tad-Direttiva 2009/73.

103. Dwar dawn id-dispożizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tirrileva li l-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2009/72, li jikkorrispondi *expressis verbis* mal-Artikolu 39(4) tad-Direttiva 2009/73, jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiggarantixxu l-indipendenza tal-ANR u jiżguraw li hija teżerċita l-kompetenzi tagħha b'mod imparzjali u trasparenti [33]. L-istess dispożizzjoni tispjega li, għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta twettaq il-funzjonijiet mogħtija lilha permezz tad-Direttivi u l-leġiżlazzjoni relatata, l-ANR għandha tkun legalment distinta u "funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra" u li l-persunal tagħha u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tagħha "jaġixxu b'mod indipendenti minn kwalunkwe interess tas-suq" u "ma jitolbux jew jieħdu istruzzjonijiet diretti

[32] F'dan is-sens ara, *ex multis*, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Tariffi ta' aċċess għan-networks ta' trażmissjoni ta' elettriku u ta' gass naturali) (C-771/18, EU:C:2020:584, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[33] F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 31).

mill-ebda gvern jew entità pubblika jew privata oħra fit-twettiq tal-kompiti regolatorji". Il-paragrafu 5 sussegwenti tal-istess artikolu, li jikkorrispondi mal-Artikolu 39(5) tad-Direttiva 2009/73, iżid li, biex tiġi protetta l-indipendenza tal-ANR, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, fost l-oħrajn, li l-ANR ikunu "jistgħu jieħdu deċiżjonijiet awtonomi, b'mod indipendenti minn kwalunkwe entità politika"[34].

104. Il-kunċett ta' "indipendenza" la huwa ddefinit fid-Direttiva 2009/72, u lanqas fid-Direttiva 2009/73. Madankollu, f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, b'riferiment partikolari għall-ANR fis-settur tal-enerġija li, fil-każ ta' korpi pubbliċi, dan il-kunċett jindika, fis-sens normali u komuni tiegħu, status li jiżgura lill-korp ikkonċernat il-possibbiltà li jaġixxi fil-libertà kollha fir-rigward tal-korpi li minnhom għandha tiġi żgurata l-indipendenza tiegħu, mingħajr ebda istruzzjoni u ebda pressjoni[35]. B'mod iktar speċifiku, fis-settur tal-enerġija, l-indipendenza deċiżjonali, iggarantita mid-Direttivi, timplika li, fil-kuntest tal-funzjonijiet u tal-kompetenzi regolatorji msemmija fl-Artikolu 37 tad-Direttiva 2009/72 u fl-Artikolu 41 tad-Direttiva 2009/73, l-ANR għandha tadotta d-deċiżjonijiet tagħha b'mod awtonomu, abbażi biss tal-interess pubbliku, sabiex tiżgura l-osservanza tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu mill-imsemmija Direttivi, mingħajr ma tkun suġġetta għal istruzzjonijiet esterni minn korpi pubbliċi jew privati oħra[36].

105. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tikkjarifika espressament li r-rekwiżiti previsti fid-Direttivi, imsemmija fil-punt 103, jimplikaw li l-ANR għandha teżerċita d-doveri regolatorji tagħha mingħajr *kwalunkwe* influwenza esterna[37]. F'dan ir-rigward, nirrileva wkoll li l-ispjegazzjoni b'mod repetut fid-Direttivi dwar ir-rekwiżit ta' garanzija tal-indipendenza funzjonali tal-ANR hija tali li ma tħallix dubji li din l-indipendenza għandha tiġi ggarantita mhux biss fir-rigward ta' korpi privati u tal-interessi kummerċjali, iżda anki fil-konfront ta' *kwalunkwe* korp pubbliku u għalhekk mhux biss fil-konfront tal-gvern bħala detentur tas-setgħa eżekuttiva. Il-kliem użati fid-Direttivi huma inekwivoċi fis-sens li jistabbilixxu, minn naħa waħda, li l-indipendenza funzjonali għandha tiġi ggarantita fil-konfront ta' *kwalunkwe* entità politika, u għalhekk mhux biss il-gvern, iżda anki l-parlament, u, min-naħa l-oħra, li l-garanzija għandha tkun kompleta u mhux limitata għal xi atti partikolari, identifikati bil-forma jew bil-kontenut. Ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-ANR minn *kwalunkwe* interess politiku jirriżulta wkoll, wara kollox, b'mod espress mill-premessi 34 tad-Direttiva 2009/72 u 30 tad-Direttiva 2009/73.

106. Minn dan għandu jiġi dedott li l-indipendenza tal-ANR li d-Direttivi jiggarantixxu fil-qafas tal-funzjonijiet u tal-kompetenzi mogħtija lilhom b'mod esklużiv permezz tal-Artikoli 37 tad-Direttiva 2009/72 u 41 tad-Direttiva 2009/73 lanqas ma tista' tiġi limitata bil-liġijiet tal-parlament jew b'atti li, biex tintuża l-kategorija msemmija mill-Gvern Ġermaniż waqt is-seduta, huma, skont klassifikazzjoni tipika tad-dritt kostituzzjonali nazzjonali, "liġijiet sostanzjali", bħar-regolamenti governattivi.

107. Interpretazzjoni tad-Direttivi intiża sabiex tiżgura indipendenza funzjonali wiesgħa lill-ANR hija, barra minn hekk, koerenti mal-għan tad-Direttiva. F'dan is-sens, l-interpretazzjoni letterali hija kkonfermata mill-interpretazzjoni teleoloġika.

[34] Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 50).

[35] Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 32), li tirreferi għas-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2018 (Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-530/16, EU:C:2018:430, punt 67).

[36] Fir-rigward tad-Direttiva 2009/72, ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 54), applikabbli b'analoġija għad-Direttiva 2009/73. Ara, f'dan ir-rigward, anki s-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-767/19, EU:C:2020:984, punt 111).

[37] Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 33), korsiv miżjud minni, fir-rigward tad-Direttiva 2009/72. L-istess kunsiderazzjonijiet huma applikabbli b'analoġija għad-Direttiva 2009/73.

108. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat li d-Direttiva 2009/72 għandha l-għan, essenzjalment, li tistabbilixxi suq intern miftuħ u kompetittiv fis-settur tal-elettriku, li jippermetti lil kull konsumatur jagħżel liberament il-fornitur u lil kull fornitur li jipprovdi liberament il-prodotti tiegħu lill-klijenti tiegħu, li toħloq kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ekwi f'dan is-suq, li tiżgura s-sigurtà tal-provvista u li tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima [38]. Il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat fi kliem simili ħafna l-għan li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 2009/73 [39].

109. F'dan ir-rigward, għandu jingħad ukoll li, kif jirriżulta minn diversi premessi tad-Direttivi [40], l-għan predominanti li jkun hemm suq intern fis-setturi tal-elettriku u tal-gass naturali u li jinħolqu kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali għall-impriżi kollha tal-elettriku stabbiliti fl-Unjoni huwa mfittex fid-dawl tal-fatt li r-regolamentazzjoni preċedenti ma kinitx sufiċjenti biex tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ħolqien ta' suq intern li jiffunzjona perfettament, u fl-istess ħin tipproteġi lill-konsumaturi, tippromwovi l-investimenti u tiżgura s-sigurtà tal-provvista. L-adozzjoni ta' direttivi ġodda kellha l-għan, fost l-oħrajn, li espliċitament tevita r-riskju permanenti, fin-nuqqas ta' separazzjoni effettiva tan-networks mill-attivitajiet ta' ġenerazzjoni u provvista – separazzjoni li r-regoli tad-Direttivi preċedenti [41] ma rnexxilhomx jiggarantixxu – li tinħoloq diskriminazzjoni mhux biss fl-operat tan-network, iżda wkoll fl-inċentivi għal impriżi integrati vertikalment li jinvestu b'mod adegwat fin-networks tagħhom; minn hawn irriżulta l-għan tad-Direttivi li jintroduċu regoli diretti sabiex ikun hemm is-separazzjoni effettiva tal-attivitajiet ta' produzzjoni u ta' provvista mill-ġestjoni tan-networks [42].

110. F'dan il-kuntest, kif diġà rrilevat mill-Qorti tal-Ġustizzja, kien proprju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet li d-Direttivi taw lill-ANR prerogattivi wiesgħa fil-qasam tar-regolamentazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-elettriku [43].

111. Fil-qafas stabbilit mid-Direttivi, l-ANR huma inkarigati li jiggarantixxu l-funzjonament tajjeb tas-sistema kollha kemm hi. B'mod partikolari, kif jirriżulta espressament mill-premessi 36 tad-Direttiva 2009/72 u 32 tad-Direttiva 2009/73, u kif rifless fl-Artikoli 37(1)(a) u 41(1)(1) rispettivi, dawn għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu jew japprovaw it-tariffi, jew il-metodoloġiji ta' kalkolu tat-tariffi, abbażi ta' proposta tal-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, jew inkella abbażi ta' proposta miftiehma bejn dawn l-operaturi u l-utenti tan-network. Fit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet, l-ANR għandhom jiżguraw li t-tariffi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni ma jkunux diskriminatorji u jirriflettu n-nefqa, u għandhom, barra minn hekk, jikkunsidraw l-ispejjeż marġinali għal tul ta' żmien iffrankati minħabba l-ġenerazzjoni mqassma u l-miżuri ta' ġestjoni tad-domanda.

112. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet għandu jkun hemm il-garanzija massima tal-indipendenza tal-ANR, fit-termini wiesgħa li jirriżultaw mill-kliem tad-dispożizzjonijiet iċċitati fil-punti 102 *et seq*. preċedenti. Fil-fatt, l-indipendenza sħiħa fil-konfront tal-korpi ekonomiċi u tal-korpi pubbliċi, kemm jekk ikunu korpi amministrattivi jew korpi politiċi, u f'dan l-aħħar każ

[38] Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[39] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, GRDF (C-236/18, EU:C:2019:1120, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[40] Ara, *inter alia*, il-premessi 1, 6, 7, 19, 25, 37, 42, 46 u 50 tad-Direttiva 2009/72, u l-premessi 1, 5, 16, 21, 22, 30, 57 u 58 tad-Direttiva 2009/73.

[41] Jiġifieri d-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 211) u d-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230).

[42] Il-premessi 9 u 10 tad-Direttiva 2009/72 u l-premessi 6 u 7 tad-Direttiva 2009/73.

[43] Ara, fir-rigward tad-Direttiva 2009/72, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 23).

kemm detenturi tas-setgħa eżekuttiva jew dik leġiżlattiva, hija funzjonali sabiex tiżgura li d-deċiżjonijiet meħuda jkunu realment imparzjali u nondiskriminatorji, bl-esklużjoni kompleta tal-possibbiltà ta' trattament b'xi mod ipprivileġġjat tal-impriżi u tal-interessi ekonomiċi marbuta mal-gvern, mal-maġġoranza jew inkella mas-setgħa politika [44]. B'dan il-mod, kif korrettament irrilevat mill-Kummissjoni, jiġi nnewtralizzat ir-riskju – li jekk jikkonkretizza ruħu jhedded ir-realizzazzjoni ta' suq intern tal-enerġija miftuħ għall-aċċess transkonfinali ta' fornituri ġodda ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija differenti jew inkella ta' fornituri ġodda ta' ġenerazzjoni ta' enerġija – li jiġu pprivileġġjati impriżi nazzjonali jew impriżi marbuta mas-setgħa politika, riskju li huwa partikolarment qawwi fid-dawl tal-fatt li f'ħafna pajjiżi l-impriża integrata vertikalment għadha l-monopolju pubbliku antik li jżomm rabtiet, pereżempju permezz ta' ishma, mal-gvern [45].

113. Fuq kollox, kif jirriżulta espressament mill-premessi 33 tad-Direttiva 2009/72 u 29 tad-Direttiva 2009/73, huwa proprju f'din il-perspettiva li dawn id-Direttivi huma intiżi speċifikament sabiex isaħħu l-indipendenza tal-ANR u li, kif jirriżulta mill-premessi 34 u 30 tal-istess Direttivi, dawn jipprevedu dispożizzjonijiet li, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-elettriku, ipoġġu lir-regolaturi tal-enerġija f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-aspetti regolatorji kollha u jkollhom indipendenza totali minn interessi pubbliċi jew privati oħra [46].

114. Il-qafas ġenerali hekk mibni fuq l-indipendenza tal-ANR huwa spjegat fid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi li jiddefinixxu, b'mod analitiku, l-għanijiet, il-funzjonijiet u l-kompetenzi tagħhom. F'dan is-sens, l-interpretazzjoni letterali u teleoloġika hija kkonfermata mill-interpretazzjoni strutturali. B'hekk, l-Artikoli 37 tad-Direttiva 2009/72 u 41 tad-Direttiva 2009/73 jistabbilixxu b'mod speċifiku l-funzjonijiet tal-ANR, li huma dawk biss li huma ddefiniti mid-Direttivi.

115. Barra minn hekk, dawn il-funzjonijiet jaqgħu fi struttura legali li tistabbilixxi, f'diversi livelli, l-għanijiet u l-kriterji tal-eżerċizzju tagħhom. Fit-twettiq tal-funzjonijiet mogħtija lilhom, fil-fatt, l-ANR huma obbligati jaġixxu skont l-għanijiet indikati fl-Artikoli 36 tad-Direttiva 2009/72 u 40 tad-Direttiva 2009/73. Dawn huma għanijiet speċifiċi li jiffurmaw il-qafas tad-deċiżjonijiet mogħtija lill-ANR, li jistabbilixxu kriterji li għandhom jiġu segwiti sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti minn qabel [47].

116. F'xi każijiet dawn il-kriterji huma, b'riferiment għal kompetenzi speċifiċi, spjegati f'iktar dettall fl-Artikoli 37 tad-Direttiva 2009/72 u 41 tad-Direttiva 2009/73. Hekk, pereżempju, f'dak li jirrigwarda t-tariffi ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni jew il-metodoloġiji relatati ta' kalkolu, skont il-paragrafu 1 ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, dawn għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' kriterji trasparenti, u skont il-paragrafu 6(a) tal-istess artikoli, anki l-kundizzjonijiet ta' konnessjoni u ta' aċċess għan-networks nazzjonali għandhom jiġu stabbiliti billi tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jsiru l-investimenti neċessarji sabiex jiżguraw il-vijabbiltà ekonomika

[44] F'dan ir-rigward nosserva wkoll li s-separazzjoni sħiħa f'dak li jirrigwarda s-setgħa politika tippermetti lill-ANR li bl-azzjoni tagħha ssegwi pjan fil-tul, li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva, billi tissepara d-deċiżjonijiet tagħha mill-eżiġenzi marbuta maċ-ċiklu elettorali li miegħu, min-naħa l-oħra, huma marbuta l-korpi politiċi. Din ir-rabta, li bla dubju tippermetti li jkun hemm konnessjoni bejn it-talbiet u l-bżonnijiet preżenti fis-soċjetà u rrappreżentati fl-opinjoni pubblika, hija l-virtù prinċipali tad-demokrazija rappreżentattiva, iżda tista' ssir "l-għarqub ta' Akille" meta tipprojbixxi f'oqsma tekniċi l-adozzjoni ta' pjan fit-tul li jista' jirreżisti għall-pressjonijiet tal-interessi settorjali.

[45] Dwar ir-rekwiżit li jiġu nnewtralizzati riskji ta' kunflitti ta' interessi ta' dan it-tip permezz tar-rikonoxximent tal-indipendenza tal-ANR, ara, b'analoġija, il-punt 35 tas-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-518/07, EU:C:2010:125) dwar l-indipendenza tal-awtorità ta' superviżjoni fil-qasam tas-sorveljanza tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali.

[46] Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punti 24 u 25).

[47] B'hekk, pereżempju, skont il-paragrafu (d) tal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/72 u tal-Artikolu 40 tad-Direttiva 2009/73, l-għan li jkun hemm kontribut għall-iżvilupp ta' sistemi nondiskriminatorji, sikuri, affidabbli u effiċjenti, għandu jintlaħaq bl-iktar mod effikaċi bl-inqas spejjeż possibbli u għandu jkun orjentat lejn il-konsumatur.

tan-networks[48]. Skont il-paragrafu 10 tal-istess dispożizzjonijiet, dawn il-kundizzjonijiet, tariffi u metodoloġiji għandhom ikunu proporzjonati u applikati mingħajr diskriminazzjoni. Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda l-provvista tas-servizzi ta' bbilanċjar, l-Artikoli 37 tad-Direttiva 2009/72 u 41 tad-Direttiva 2009/73, fil-paragrafu 6(b) tagħhom, jistabbilixxu li dawn is-servizzi għandhom jitwettqu bil-mod l-iktar ekonomiku possibbli, għandhom jipprovdu inċentivi adatti għall-utenti tan-network biex jibbilanċjaw l-input u l-offtakes tal-enerġija u għandhom jingħataw b'mod ġust u mhux diskriminatorju, u jkunu msejsa fuq kriterji oġġettivi. Barra minn hekk, skont il-paragrafu 8 taż-żewġ dispożizzjonijiet hawn fuq iċċitati, meta jkunu qegħdin jistabbilixxu jew japprovaw tariffi jew metodoloġiji jew servizzi ta' bbilanċjar, l-ANR għandhom jiżguraw li l-operaturi tan-networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni jingħataw inċentivi adatti, kemm għal perijodu qasir kif ukoll fit-tul, sabiex iżidu l-effiċjenza tagħhom, jippromwovu l-integrazzjoni tas-suq u s-sigurtà tal-provvista u jappoġġjaw attivitajiet ta' riċerka relatati[49].

117. Id-Direttivi jistipulaw ukoll sensiela ta' garanziji proċedurali li l-ANR għandhom josservaw fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, bħall-obbligu ta' pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom, l-obbligu ta' kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva u l-obbligu li d-deċiżjonijiet ikunu motivati[50].

118. Spjegazzjonijiet ulterjuri tal-kriterji indikati fid-Direttivi li l-ANR għandhom isegwu fit-twettiq tal-kompetenzi mogħtija lilhom huma stabbiliti b'atti leġiżlattivi oħra, bħar-Regolamenti Nru 714/2009 u Nru 715/2009. B'hekk, pereżempju, l-Artikoli 14 u 13 ta' dawn iż-żewġ regolamenti rispettivament[51] jipprevedu kriterji speċifiċi sabiex jiġu stabbiliti l-ħlasijiet, it-tariffi jew il-metodoloġiji ta' kalkolu għall-aċċess għan-networks[52], u l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 715/2009 jipprevedi dispożizzjonijiet dwar ir-regoli ta' bbilanċjar.

119. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ulterjorment integrati u spjegati f'diversi kodiċijiet ta' network stabbiliti permezz ta' regolament mill-Kummissjoni li fihom dispożizzjonijiet iddettaljati dwar, fost l-oħrajn, strutturi tariffarji armonizzati għat-trasport tal-gass[53], ir-rekwiżiti għall-konnessjoni man-network tal-impjanti ta' konsum, tal-impjanti ta' distribuzzjoni u tas-sistemi ta' distribuzzjoni[54], ir-rekwiżiti fil-livell Ewropew għall-konnessjoni man-network tal-elettriku tal-impjanti ta' ġenerazzjoni[55] u r-rekwiżiti għall-konnessjoni man-network tas-sistemi b'vultaġġ għoli[56]. F'kuntest leġiżlattiv daqstant iddettaljat, ir-Repubblika Federali

[48] F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Tariffi ta' aċċess għan-networks ta' trażmissjoni ta' elettriku u ta' gass naturali) (C-771/18, EU:C:2020:584, punt 49).

[49] F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Tariffi ta' aċċess għan-networks ta' trażmissjoni ta' elettriku u ta' gass naturali) (C-771/18, EU:C:2020:584, punt 50).

[50] Ara l-Artikoli 37(7) u (16) tad-Direttiva 2009/72 u 41(7) u (16) tad-Direttiva 2009/73.

[51] F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Tariffi ta' aċċess għan-networks ta' trażmissjoni ta' elettriku u ta' gass naturali) (C-771/18, EU:C:2020:584, punti 43 *et seq*.).

[52] Fir-rigward tal-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li l-kriterji li jinsabu f'dawn id-dispożizzjonijiet huma applikabbli biss għall-kummerċ transkonfinali fil-livell tas-sistemi ta' trażmissjoni, argument ikkontestat mill-Kummissjoni, nirrileva li, anki kieku wieħed jissuponi li dan kien il-każ, xorta jibqa' l-fatt li t-tariffi u l-metodoloġiji ta' kalkolu relatati għandhom jiġu stabbiliti u applikati mingħajr diskriminazzjoni u bil-għan li jinħoloq suq intern tal-elettriku u tal-gass, b'tali mod li l-iffissar ta' tariffi jew ta' metodoloġiji ta' kalkolu għall-kummerċ intern u transkonfinali għandhom isiru abbażi ta' kriterji uniformi.

[53] Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/460 tas-16 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar strutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni tal-gass (ĠU 2017, L 72, p. 29).

[54] Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Netwerk dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU 2016, L 223, p. 10).

[55] Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU 2016, L 112, p. 1).

[56] Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1447 tas-26 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni mal-grilja ta' sistemi ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli u ta' moduli ta' parks tal-enerġija konnessi b'kurrent dirett (ĠU 2016, L 241, p. 1).

tal-Ġermanja ma tistax, fil-fehma tiegħi, issostni li sabiex jittrasponu b'mod adatt id-Direttivi 2009/72 u 2009/73 l-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu l-kriterji ta' kalkolu tat-tariffi tagħhom stess. Dan mingħajr ma jiġi kkunsidrat li, kif ġustament issostni l-Kummissjoni, l-iffissar ta' sistema ta' tariffi ġusti hija funzjoni ta' bażi klassika tal-ANR, b'tali mod li dawn għandhom (u għandu jkollhom) dipartimenti speċjalizzati li jkunu kapaċi jwettqu din il-funzjoni.

120. Mill-mod kif inhuma ddefiniti u strutturati l-kompetenzi tal-ANR jirriżultaw żewġ konklużjonijiet importanti. Fl-ewwel lok, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tiddefinixxi b'mod iddettaljat kompetenzi, għanijiet u kriterji ta' twettiq ta' kompetenzi ma jidhirx li tħalli spazju għal interventi nazzjonali li jidħlu bejn id-direttiva u t-twettiq min-naħa tal-ANR tal-funzjonijiet tagħhom mogħtija lilhom b'mod esklużiv mid-Direttivi. Id-definizzjoni f'termini wiesgħa tal-indipendenza funzjonali u r-regolamentazzjoni tal-kompetenzi jersqu lejn din il-konklużjoni. B'konsegwenza ta' dan jista' jiġi sostnut li d-Direttivi jistipulaw "riżerva ta' kompetenzi" favur l-ANR fir-rigward tal-funzjonijiet elenkati fl-Artikoli 37 tad-Direttiva 2009/72 u 41 tad-Direttiva 2009/73 iċċitati. Minn dan għandu jiġi dedott li kwalunkwe strutturizzazzjoni preliminari (Vorstrukturierung) tal-funzjonament tagħhom min-naħa tal-leġiżlatur nazzjonali ma tistax taffettwa l-eżerċizzju tan-nukleu tal-kompetenzi rriżervati għalihom mid-Direttivi. Fit-tieni lok, l-ANR għandhom sempliċement jaġixxu fil-qasam previst mil-leġiżlazzjoni Ewropea u ma jistgħux jintroduċu interessi jew kriterji ġodda lil hinn minn dawk preċedentement indikati mil-leġiżlatur Ewropew. L-ANR għandhom jeżegwixxu b'mod tekniku dak li huwa stabbilit fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni.

121. Il-konklużjonijiet milħuqa ma humiex preklużi mill-fatt li d-Direttivi jħallu f'idejn l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu "linji gwida ġenerali ta' politika"[57].

122. F'dan ir-rigward isiru żewġ osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok, peress li d-Direttivi espressament jippermettu biss linji gwida ta' natura *ġenerali*, ċertament ikunu inkompatibbli magħhom indikazzjonijiet jew regoli *speċifiċi*, li jipprevedu indikazzjonijiet *iddettaljati*. Fit-tieni lok, kif diġà ġie rrilevat mill-Qorti tal-Ġustizzja[58], mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi jirriżulta espressament li l-linji gwida ġenerali ta' politika mfassla mill-gvern tal-Istat Membru kkonċernat ma jistgħux jikkonċernaw il-funzjonijiet u l-kompetenzi regolatorji msemmija fl-Artikoli 37 tad-Direttiva 2009/72 u 41 tad-Direttiva 2009/73, fosthom funzjonijiet u kompetenzi relatati mal-iffissar, l-approvazzjoni u s-sorveljanza ta' diversi tariffi u prezzijiet, b'mod partikolari dawk deskritti fil-paragrafu 1(1) tal-imsemmija artikoli, li jikkonsistu fl-iffissar jew fl-approvazzjoni, skont kriterji trasparenti, ta' tariffi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-elettriku jew tal-metodi ta' kalkolu tagħhom. Minn dan għandu jiġi dedott li, jekk ċertament l-Istati Membri u, għalhekk, il-parlament u l-gvern iżommu kompetenzi fil-qasam tal-politika tal-enerġija, kif ikkonfermat mill-Artikolu 194 TFUE, xorta jibqa' l-fatt li l-linji gwida ġenerali ta' politika jirrigwardaw oqsma differenti minn dawk koperti bir-riżerva regolatorja favur l-ANR. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat ukoll li, fi kwalunkwe każ, il-Gvern Ġermaniż ikkjarifika li d-dispożizzjonijiet ikkontestati mill-Kummissjoni f'dan l-ilment ma jikkostitwixxux linji gwida ġenerali ta' politika fis-sens tad-Direttivi.

123. L-interpretazzjoni hawn fuq imsemmija li tirriżulta mill-analiżi letterali, teleoloġika u sistematika tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi hija konformi mal-approċċ adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha.

[57] Fl-Artikoli 35(4)(b)(ii) tad-Direttiva 2009/72 u 39(4)(b)(ii) tad-Direttiva 2009/73 rispettivament.

[58] Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 52).

124. B'hekk, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat, b'riferiment speċifiku għas-settur tal-elettriku, li l-għoti min-naħa ta' Stat Membru lil awtorità differenti mill-ANR tal-kompetenza sabiex tistabbilixxi elementi determinanti għall-kalkolu ta' tariffi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni, bħall-iffissar tad-deprezzament jew tal-marġni ta' qligħ, jikkostitwixxi nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/54 li jagħtu l-kompetenzi f'dan il-qasam lill-ANR. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-għoti ta' dawn is-setgħat lill-eżekuttiv kien jillimita l-portata tal-kompetenzi mogħtija mid-Direttiva inkwistjoni inkwantu l-ANR, fl-iffissar tat-tariffi kienet marbuta b'regoli speċifiċi dwar l-iffissar ta' dawn l-elementi stabbiliti minn awtorità differenti[59]. Dan l-approċċ ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'sentenza reċenti ħafna li tirrigwarda wkoll lir-Renju tal-Belġju u li tikkonċerna speċifikament l-Artikoli 37(6)(a) tad-Direttiva 2009/72 u 41(6)(a) tad-Direttiva 2009/73[60]. Kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, din il-ġurisprudenza hija rilevanti anki fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni kkontestata tipprevedi interventi fl-oqsma ta' kompetenza rriżervati għall-ANR permezz ta' liġijiet sostantivi u mhux biss permezz ta' istruzzjonijiet tal-gvern fil-funzjoni tiegħu ta' awtorità eżekuttiva ġerarkikament superjuri meta mqabbla mal-ANR. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti preċedenti, is-setgħat mogħtija b'mod esklużiv lill-ANR mid-Direttivi u l-indipendenza tagħhom għandhom jiġu ggarantiti fil-konfront ta' *kwalunkwe* korp politiku, u għalhekk mhux biss tal-gvern, iżda wkoll fil-konfront tal-leġiżlatur nazzjonali, li, jekk jista', jew anzi jekk għandu, jistabbilixxi dawn is-setgħat f'atti leġiżlattivi, madankollu ma jistax ineħħi parti minnhom lill-ANR u jagħtihom lil korpi pubbliċi oħra.

125. Wara kollox, anki f'setturi oħra tad-dritt tal-Unjoni, fejn kien meħtieġ li tiġi stabbilita awtorità indipendenti b'funzjonijiet bil-għan li jinħoloq suq kompetittiv li kapaċi fl-istess ħin jipproteġi għanijiet oħra, espressament indikati u rregolati mil-leġiżlatur Ewropew, bħal pereżempju l-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali speċifiċi u ta' drittijiet tal-konsumatur, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' indipendenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja kienet l-iktar waħda wiesgħa possibbli.

126. F'din il-perspettiva taqa' s-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-518/07, EU:C:2010:125). F'dan il-każ is-suġġett tad-diskussjoni kien it-tifsira tal-espressjoni "indipendenza totali" mogħtija lill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni inkarigati sabiex jiżguraw l-osservanza tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' data personali[61]. Il-kawża kienet ibbażata fuq żewġ ideat opposti dwar l-indipendenza tal-awtoritajiet ta' superviżjoni: minn naħa waħda, interpretazzjoni wiesgħa li r-rekwiżit ta' indipendenza għandu jiġi interpretat fis-sens li awtorità ta' superviżjoni ma għandha tkun suġġetta għal ebda tip ta' influwenza, u, min-naħa l-oħra, interpretazzjoni iktar restrittiva sostnuta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li tillimita l-indipendenza għas-settur mhux pubbliku suġġett għas-superviżjoni, filwaqt li mekkaniżmu ta' sorveljanza tal-awtoritajiet fl-amministrazzjoni jkun ammissibbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li qieset l-indipendenza fid-dawl tal-għan inkwistjoni, marret għall-ewwel interpretazzjoni, billi ddikjarat li "l-awtoritajiet ta' superviżjoni kompetenti għas-sorveljanza tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali fis-settur mhux pubbliku għandhom igawdu minn indipendenza li tippermettilhom li jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom mingħajr influwenza esterna. Din l-indipendenza teskludi mhux biss kull influwenza eżerċitata mill-korpi li jaqgħu taħt superviżjoni, iżda wkoll minn kull pressjoni jew influwenza esterna, sew

[59] Ara l-punti 27 *et seq.* tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju.

[60] Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-767/19, EU:C:2020:984).

[61] Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

jekk diretta jew indiretta, li jistgħu jmorru kontra l-kisba, minn dawn l-awtoritajiet, tal-kompitu tagħhom li jikkonsisti f'li jiġi stabbilit ekwilibriju ġust bejn il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u l-moviment liberu tad-data ta' natura personali" [62].

127. Bl-istess mod, anki fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija intiża sabiex tiżgura l-osservanza tal-marġni ta' diskrezzjoni ggarantit lill-ANR fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom [63].

128. Bħala konklużjoni, inqis li l-interpretazzjoni wiesgħa tal-leġiżlazzjoni dwar l-indipendenza tal-ANR fis-setturi tal-elettriku u tal-gass hija aċċettabbli kompletament minn perspettiva sistemika, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sistema tad-dritt tal-Unjoni tippreferi kunċett wiesa' ta' indipendenza fir-rigward tal-kompetenzi speċifiċi fdati lill-awtoritajiet indipendenti.

129. Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata, barra minn hekk, mill-argumenti l-oħra mqajma mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

130. F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 288 TFUE jirriżulta li l-Istati Membri huma obbligati, waqt it-traspożizzjoni ta' direttiva, jiżguraw l-effett sħiħ tagħha, filwaqt li jiddisponu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla tal-mezzi u tal-metodi sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk, din il-libertà ma taffettwax l-obbligu li kull wieħed mill-Istati Membri destinatarji għandu li jadotta kull miżura neċessarja sabiex jiżgura l-effett sħiħ tad-direttiva kkonċernata, b'mod konformi mal-għan imfittex mid-direttiva [64].

131. Minn dan isegwi li, kif diġà ġie rrilevat mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri jgawdu minn awtonomija istituzzjonali fl-organizzazzjoni u fl-istrutturazzjoni tal-ANR tagħhom previsti mid-Direttivi, liema awtonomija għandha madankollu tiġi eżerċitata b'osservanza sħiħa tal-għanijiet u tal-obbligi stabbiliti mid-Direttivi stess [65], inkluża l-osservanza sħiħa tal-portata tal-kompetenza li dawn id-Direttivi jagħtu lill-ANR.

132. Fit-tieni lok, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Ġermaniż, inqis li din l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi dwar l-indipendenza u s-setgħat tal-ANR hija koerenti mal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Meroni, liema approċċ ġie estiż mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-aġenziji tal-Unjoni fis-sentenza sussegwenti relatata mas-setgħat mogħtija lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq [66].

133. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta, b'mod partikolari, li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis inammissibbli l-għoti, permezz ta' delega, lil aġenzija tal-Unjoni, ta' "setgħa diskrezzjonali wiesgħa" li timplika libertà ta' diskrezzjoni wiesgħa, li tista' tirriżulta, skont l-użu li jsir minnha, f'għażliet verament ta' natura politika, billi tissostitwixxi l-għażliet tal-awtorità ddelegata flok

[62] Ara l-punt 30 tas-sentenza.

[63] Ara, pereżempju, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-424/07, EU:C:2009:749, punti 80 sa 83).

[64] Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 37), u s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Ormaetxea Garai u Lorenzo Almendros (C-424/15, EU:C:2016:780, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[65] Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Prezident Slovenskej republiky (C-378/19, EU:C:2020:462, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[66] Sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2014:18, punti 41 *et seq.*).

dawk tal-awtorità li tiddelega, u b'hekk twettaq "spostament reali ta' responsabbiltà"[67]. Min-naħa l-oħra, dak li jista' jiġi assenjat lil dawn l-aġenziji huwa setgħat ta' eżekuzzjoni delimitati b'mod ċar, li l-użu tagħhom, għalhekk, jista' jkun suġġett għal kontroll rigoruż fid-dawl ta' kriterji oġġettivi[68].

134. Madankollu, anki jekk din il-ġurisprudenza titqies li hija applikabbli f'każ bħal dak inkwistjoni relatat ma' awtoritajiet nazzjonali mhux stabbiliti mill-Unjoni stess iżda maħtura mill-Istati Membri skont direttiva, għandu jiġi osservat li l-interpretazzjoni proposta hija xorta waħda konformi ma' din il-ġurisprudenza. Fil-fatt, minn naħa waħda, il-kompetenzi mogħtija lill-ANR jaqgħu fil-kamp tal-eżekuzzjoni, abbażi ta' evalwazzjoni teknika-speċjalista tar-realtà u ma jagħtu ebda kompetenza li tmur lil hinn mill-qafas regolatorju stabbilit permezz tad-dritt tal-Unjoni[69] u li timplika għażliet ta' natura politika[70]; min-naħa l-oħra, kif analizzat fil-punti preċedenti minn 114 sa 119, ir-regoli li jinsabu fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni jiddelimitaw il-kontenut ta' dawn il-kompetenzi u jistabbilixxu l-kriterji u l-kundizzjonijiet li jiddelimitaw il-kamp ta' azzjoni tal-ANR[71].

135. Fit-tielet lok, l-interpretazzjoni proposta ma hijiex ikkontestata minn argumenti mressqa mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-prinċipju ta' demokrazija.

136. Dwar l-interazzjoni bejn il-prinċipju ta' demokrazija u l-ANR, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà tat diversi indikazzjonijiet fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tad-9 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-518/07, EU:C:2010:125). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qabelxejn fakkret li l-prinċipju ta' demokrazija jaqa' taħt is-sistema legali Komunitarja u ġie stabbilit espressament fl-Artikolu 6(1) TUE bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni. Bħala prinċipju komuni għall-Istati Membri, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi interpretat att ta' dritt sekondarju[72].

137. Sussegwentement hija rrilevat li dan il-prinċipju ma jmurx kontra l-eżistenza ta' awtoritajiet pubbliċi li jinsabu barra mill-amministrazzjoni ġerarkika klassika u ftit jew wisq indipendenti mill-gvern. Fl-Istati Membri, l-eżistenza u l-kundizzjonijiet ta' funzjonament ta' dawn l-awtoritajiet jaqgħu taħt il-liġi jew saħansitra, f'ċerti Stati Membri, taħt il-kostituzzjoni u dawn l-awtoritajiet huma suġġetti għall-osservanza tal-liġi, taħt is-superviżjoni tal-qrati kompetenti. Awtoritajiet amministrattivi indipendenti ta' dan it-tip, kif wara kollox jeżistu fis-sistema legali Ġermaniża, għandhom ta' spiss funzjonijiet ta' natura regolatorja jew jeżerċitaw dmirijiet li għandhom jitneħħew minn taħt l-influwenza politika, minkejja li jibqgħu suġġetti għall-osservanza tal-liġi, taħt is-superviżjoni tal-qrati kompetenti[73].

67 Ara s-sentenza Meroni p. 41, u s-sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2014:18, punti 41, 42 u 54).

68 Ara s-sentenza Meroni p. 41, u s-sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2014:18, punt 41).

69 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2014:18, punt 44).

70 F'dan ir-rigward, ara f'iktar dettall il-paragrafu 141.

71 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill u Il-Parlament (C-270/12, EU:C:2014:18, punt 45).

72 Sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-518/07, EU:C:2010:125, punt 41).

73 Sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-518/07, EU:C:2010:125, punt 42).

138. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix "in-nuqqas ta' kull influwenza parlamentari", peress li, minn naħa waħda, il-persuni li jassumu t-tmexxija tal-awtoritajiet ta' superviżjoni jistgħu jiġu nnominati mill-parlament jew mill-gvern, u, min-naħa l-oħra, il-leġiżlatur jista' jimponi fuq l-awtoritajiet ta' superviżjoni l-obbligu li jinformaw lill-parlament dwar l-attivitajiet tagħhom [74].

139. Il-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punti preċedenti japplikaw ukoll fil-każ tal-ANR fis-setturi tal-elettriku u tal-gass u huma l-bażi tal-kompatibbiltà tal-indipendenza tagħhom mal-prinċipju ta' demokrazija. B'mod partikolari, minn naħa waħda, mill-premessi 34 tad-Direttiva 2009/72 u 30 tad-Direttiva 2009/73 jirriżulta li l-indipendenza tal-ANR iggarantita mid-Direttivi ma tipprekludix l-eżerċizzju ta' viġilanza parlamentari fis-sens tal-liġijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri. Minn dan jirriżulta li, għalkemm l-ANR jaħarbu minn kwalunkwe influwenza preventiva ta' korpi politiċi, madankollu ma jaħarbux mill-obbligu li jirrapportaw lill-parlament dwar l-operat tagħhom. Ir-rekwiżit ta' rabta mal-prinċipju ta' demokrazija għalhekk iwassal għall-introduzzjoni ta' forma ta' "accountability" tal-ANR, li l-Istati Membri individwali jistgħu jagħtu segwitu għalih.

140. Min-naħa l-oħra, għandha tingħata spjegazzjoni importanti. L-ANR fis-setturi tal-elettriku u tal-gass joperaw, kif jidher, fil-kamp tal-kompetenzi mogħtija lilhom, billi japplikaw id-dritt tal-Unjoni, mingħajr indħil tal-organi politiċi nazzjonali, lanqas permezz ta' liġijiet formali jew sostantivi. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tieħu l-post li l-leġiżlazzjoni tal-parlament kellha fil-mudell ta' amministrazzjoni nazzjonali sabiex tiġi allineata mal-prinċipju ta' demokrazija. Peress li l-proċess deċiżjonali li jipproduċi l-atti leġiżlattivi tal-Unjoni huwa proċess demokratiku, bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew, li huwa elett miċ-ċittadini tal-Unjoni, u tal-Kunsill, fejn huma preżenti l-interessi tal-Istati Membri permezz ta' gvernijiet demokratikament eletti, l-ANR huma b'dan il-mod marbuta maċ-ċikli tal-leġittimizzazzjoni demokratika.

141. Barra minn hekk, kif irrilevat fil-punti 114 sa 119 preċedenti, ma humiex biss il-kompetenzi tal-ANR li jiġu spjegati u elenkati speċifikament mid-Direttivi, iżda anki l-għanijiet u l-kriterji ta' eżerċizzju tagħhom jiġu wkoll iddefiniti mid-dritt sekondarju tal-Unjoni. L-ANR jeżegwixxu regoli tad-dritt sekondarju permezz ta' attività prinċipalment teknika. Għalhekk, b'mod koerenti mal-ġurisprudenza li wasslet għas-sentenza Meroni, huma ma għandhomx dak il-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li jappartjeni għas-setgħa politika u għalhekk ma jistgħux jadottaw għażliet politiċi dwar l-enerġija, peress li din il-kompetenza hija maqsuma bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. L-ANR ma għandhom ebda setgħa ta' natura politika u ma jissostitwixxux organi li jkollhom setgħa politika li jaġixxu abbażi ta' leġittimizzazzjoni demokratika. Peress li l-kamp ta' azzjoni tal-ANR huwa limitat b'dan il-mod, l-interpretazzjoni proposta hija kompletament kompatibbli mal-prinċipju ta' demokrazija.

142. Il-qafas iddefinit fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-indipendenza tal-ANR, il-kompetenzi li għandhom u l-atti leġiżlattivi li jiddefinixxu l-kamp ta' azzjoni tagħhom, iwassal għall-konklużjoni wkoll li hemm kompatibbiltà sħiħa mal-prinċipji tal-Istat tad-dritt. L-Istat tad-dritt, li huwa valur fundamentali tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2 TUE u li bħala tali għandu jintuża wkoll għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jistipula li l-amministrazzjoni għandha topera abbażi tal-liġi, b'tali mod li tevita kwalunkwe deċiżjoni arbitrarja, tiżgura d-drittijiet taċ-ċittadini, u tissuġġetta l-operat tagħha għall-istħarriġ tal-qrati. Id-dritt kostituzzjonali tal-Istati Membri jirrikjedi li l-aġir amministrattiv, sabiex nuża l-espressjoni użata mill-Gvern Ġermaniż, għandu jkun ibbażat fuq il-liġi. Il-liġi hija l-bażi tal-kompetenzi tal-amministrazzjoni,

[74] Sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-518/07, EU:C:2010:125, punti 43 sa 45).

mhux biss fis-sens li kull kompetenza amministrattiva ssib il-bażi tagħha fil-liġi, iżda wkoll fis-sens li l-liġi tadotta wkoll regolament sostantiv tal-eżerċizzju tagħha sabiex tiddelimita d-diskrezzjonalità amministrattiva u b'hekk tipproteġi liċ-ċittadin quddiem qorti indipendenti fil-każ li l-amministrazzjoni tmur lil hinn mill-parametri legali. L-ordinament ġuridiku Ġermaniż jirreferi għall-prerogattiva tal-leġiżlatur (Vorbehalt des Gesetzes, li tirriżulta mill-prinċipji ta' demokrazija u ta' Stat tad-dritt iggarantiti fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 20 tal-Grundgesetz), formula adottata wkoll f'sistemi kostituzzjonali oħra, filwaqt li d-duttrina kostituzzjonali Taljana tippreferi titkellem dwar "legalità f'sens sostanzjali" sabiex tindika n-neċessità ta' regolamentazzjoni leġiżlattiva tal-attività amministrattiva.

143. Ir-rekwiżit marbut mal-prerogattiva tal-leġiżlatur dwar l-amministrazzjoni, u għalhekk dik li tiddelimita l-eżerċizzju tad-diskrezzjonalità u tiddefinixxi parametru ta' evalwazzjoni tal-operat tagħha jiġi ssodisfatt kompletament anki fir-rigward tal-ANR fis-setturi tal-elettriku u tal-gass. Dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfatt mhux permezz ta' regola ta' liġi preċedenti iżda permezz tar-regolament preventiv li jinsab fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni. Bis-saħħa ta' dan ir-regolament l-użu tal-kompetenzi mogħtija lill-ANR jiġi indirizzat mill-għanijiet u mill-kriterji indikati mil-leġiżlatur Ewropew u fil-każ li jinkisru, barra l-każ ta' ksur tar-regoli nazzjonali li, skont il-kompetenzi tal-ANR previsti mid-dritt tal-Unjoni jirregolaw l-attività tagħhom, il-persuni kkonċernati jistgħu jagixxu quddiem qorti indipendenti sabiex jipproteġu l-pożizzjonijiet suġġettivi tagħhom [75].

144. F'dan il-każ, fir-rigward tar-raba' lment imqajjem mill-Kummissjoni, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi rrilevat li ma huwiex ikkontestat li l-Artikolu 24(1) tal-EnWG jagħti lil korp differenti mill-ANR, jiġifieri lill-Gvern Federali, il-kompetenza li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-network, inkluż l-akkwist u l-provvista ta' servizzi ta' bbilanċjar, kif ukoll il-metodoloġiji użati sabiex jiġu stabbiliti dawn il-kundizzjonijiet, u l-metodoloġiji sabiex jiġu ddeterminati t-tariffi ta' aċċess. Lanqas ma huwa kkontestat li r-regolamenti adottati mill-Gvern Ġermaniż abbażi ta' din id-dispożizzjoni tal-EnWG imsemmija mill-Kummissjoni [76] huma intiżi sabiex jippreskrivu regoli speċifiċi u ddettaljati dwar elementi importanti għall-iffissar tat-tariffi ta' trasport u ta' distribuzzjoni [77], il-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-networks nazzjonali u l-kundizzjonijiet għall-provvista ta' servizzi ta' bbilanċjar [78].

145. F'dan il-kuntest, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, fil-fehma tiegħi, għandu jintlaqa' wkoll ir-raba' lment propost mill-Kummissjoni u jiġi kkonstatat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 37(1)(a) u (6)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/72 u 41(1)(a) u (6)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/73.

[75] F'dan ir-rigward, ara l-paragrafi 15 u 17 tal-Artikoli 37 tad-Direttiva 2009/72 u 41 tad-Direttiva 2009/73.

[76] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 30 preċedenti.

[77] L-iStromNEV u l-GasNEV it-tnejn jinkludu taqsima (Teil 2) intitolata speċifikament "Metodu sabiex jiġu stabbiliti tariffi ta' network" li fiha dispożizzjonijiet iddettaljati dwar, fost l-oħrajn, il-metodi ta' deprezzament, dwar l-indiċi ta' prezz applikabbli, il-metodi differenti ta' tqassim tal-ispejjeż tan-network fuq diversi tipi ta' network kif ukoll dwar limiti u parametri ta' kalkolu għad-diversi tariffi. Fl-istess perspettiva, l-AregV tinkludi lista ta' komponenti ta' nefqa mhux influwenzabbli u parametri għall-paragun ta' effiċjenza għall-operaturi tan-network jew formuli ddettaljati għall-kalkolu tal-limiti ta' qligħ.

[78] F'dan ir-rigward, kemm l-iStromNZV kif ukoll il-GasNZV jinkludu indikazzjonijiet iddettaljati dwar il-ftehim ta' interkonnessjoni bejn l-operaturi ta' networks, dwar il-kapaċità li jistgħu liberament jingħataw u dwar in-numru ta' swieq territorjali. Dawn jinkludu wkoll sensiela sħiħa ta' dispożizzjonijiet dwar is-servizzi ta' bbilanċjar.

IV. Konklużjoni

146. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li:

1) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda [tħassar] d-Direttiva 2003/54/KE u tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE inkwantu ma ttrasponietx b'mod korrett:

   – il-punt 21 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72 u l-punt 20 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73;

   – l-Artikolu 19(3) u (8) tad-Direttiva 2009/72 u 2009/73;

   – l-Artikolu 19(5) tad-Direttiva 2009/72 u 2009/73; u

   – l-Artikolu 37(1)(a) u (6)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/72 u l-Artikolu 41(1)(a) u (6)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/73.

2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.